IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 24.8.2016
COM(2016) 551 final

2016/0264 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jistabbilixxi qafas komuni għall-istatistika Ewropea relatata ma’ persuni u unitajiet domestiċi, abbażi ta’ dejta fuq livell individwali miġbura minn kampjuni.

(Test b’rilevanza għaż-ŻEE)

{SWD(2016) 282 final}
{SWD(2016) 283 final}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Ir-raġunijiet għall-proposta u l-objettivi tagħha

L-importanza dejjem tiżdied tad-dimensjoni soċjali tal-UE

L-objettiv ta' ekonomija soċjali tas-suq kompetittiva ferm, li toffri tkabbir, impjiegi aħjar, progress soċjali u ġustizzja soċjali għaċ-ċittadini kollha tagħha huwa fil-qalba tal-aġenda politika tal-Unjoni Ewropea. F'Ġunju tal-2015, ir-Rapport tal-Ħames Presidenti bl-isem ta' Nikkompletaw l-Unjoni Ekonomika u Monetarja tal-Ewropa[1] enfasizza l-importanza li tinbena Ewropa soċjali b'saħħitha. Il-President Juncker, fid-diskors tiegħu dwar il-qagħda tal-Unjoni li sar f'Settembru 2015, wassal din l-ambizzjoni billi enfasizza li jeħtieġ li "*noħolqu mill-ġdid proċess ta' konverġenza, kemm bejn l-Istati Membri u bejn is-soċjetajiet, li fil-qalba tiegħu jkun hemm il-produttività, il-ħolqien tal-impjiegi u l-ġustizzja soċjali.*"

Dan l-għan qed jiġi segwit b'saħħa permezz tas-Semestru Ewropew imġedded, iċ-ċiklu annwali għall-koordinazzjoni ta' politiki ekonomiċi fil-livell tal-UE, skont il-komunikazzjoni ta' Ottubru 2015 dwar passi lejn it-tlestija tal-UEM. Huwa ta' importanza partikolari li jintlaħaq bilanċ tajjeb bejn il-miri ekonomiċi u soċjali fis-Semestru Ewropew għas-sostenibbiltà u għal-leġittimità tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja. Għaldaqstant, il-miri soċjali u tal-impjieg saru aktar prominenti fis-Semestru Ewropew, fejn kemm ir-rapporti tal-pajjiżi u kemm ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż jivvalutaw l-isfidi soċjali u tal-impjieg, u jippromwovu riformi ta' politika bbażati fuq l-aqwa prattika.

Il-Kummissjoni pproponiet ukoll li jiġi żviluppat Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali[2] bl-għan li tiġi promossa l-konverġenza 'l fuq fil-kundizzjonijiet tal-impjiegi u f'dawk soċjali, kif ukoll reżiljenza akbar għax-xokkijiet ekonomiċi. Il-Pilastru għandu jibni fuq l-"acquis" soċjali tal-UE u jikkomplementah biex jiggwida l-politiki f'għadd ta' oqsma essenzjali sabiex is-swieq tax-xogħol u s-sistemi tal-protezzjoni soċjali jiffunzjonaw sew u b'mod ġust. Huwa għandu jsir il-qafas ta' referenza biex jivverifika l-prestazzjoni tal-impjiegi u dik soċjali tal-Istati Membri parteċipanti, biex imexxi riformi fil-livell nazzjonali u, b'mod aktar speċifiku, biex ikun ta' direzzjoni għall-proċess rinnovat tal-konverġenza fiż-żona tal-euro. Dan għandu jgħin biex jiżgura l-iżvilupp ekonomiku jirriżulta fi progress u koeżjoni soċjali akbar, f'konformità mal-istrateġija Ewropa 2020 u mal-objettiv ta' tkabbir inklużiv tagħha/

Dan l-impenn qawwi għall-miri soċjali tal-UE għandu jkun appoġġjat minn bażi ta' evidenza solidu. Filwaqt li nżommu f'moħħna li l-infiq fuq il-politiki soċjali f'sens usa' (inkluż il-ħarsien soċjali, l-edukazzjoni u s-saħħa) fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri jirrappreżenta aktar minn kwart tal-PDG u aktar minn nofs l-infiq pubbliku, irid ikun hemm enfasi qawwija fuq ir-riżultati tal-politika, il-valur għall-flus u l-isforzi biex jinkisbu riżultati aħjar permezz tat-tqabbil internazzjonali, tal-valutazzjoni komparattiva u tat-tagħlim reċiproku.

L-UE għandha bżonn statistika soċjali affidabbli u f'waqtha sabiex tissorvelja s-sitwazzjoni soċjali u l-impatt ta' żviluppi u politiki ekonomiċi fuq il-kundizzjonijiet soċjali fl-Istati Membri u fir-reġjuni tagħhom, u fuq is-sitwazzjoni ta' gruppi differenti fil-popolazzjoni. Dan joħloq il-ħtieġa li suġġetti bħall-faqar u l-esklużjoni soċjali, l-inugwaljanzi, il-kapaċitajiet, l-

[1] https://ec.europa.eu/priorities/sites/beta-political/files/5-presidents-report_mt.pdf
[2] COM/2016/0127 tat-8 ta' Marzu 2016.

aċċess għall-impjieg għal kulħadd, l-infiq għall-ħarsien soċjali, għandhom ikunu deskritti aħjar bi statistika soda u f'waqtha.

Statistika soċjali u tal-impjieg Ewropea

Is-Sistema Ewropea tal-Istatistika (ESS)[3] tipproduċi d-dejta statistika li tintuża biex tiġi vvalutata l-prestazzjoni tal-Istat Membru fil-kuntest tas-semestru Ewropew, biex jiġu sorveljati l-miri ewlenin ta' Ewropa 2020, biex jiġu implimentati diversi oqfsa ta' evalwazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-impjiegi u l-iżviluppi soċjali, u biex titwitta t-triq għal viżjoni strateġika futura għall-Ewropa lil hinn minn Ewropa 2020. Tul is-snin, l-ESS waqqfet għodod avvanzati biex tingħata statistika mtejba u kumparabbli għal tfassil aħjar ta' politika fil-livell Ewropew u fl-Istati Membri.

Kulma jmur, l-ESS qed taffaċċja ħtieġa dejjem akbar għal informazzjoni statistika għal analiżi, riċerka u tfassil ta' politika. Barra minn hekk, id-dejta statistika għandha tkompli tilħaq l-istandards ta' kwalità għolja ta' statistika uffiċjali, inkluż il-prontezza.

Statistika soċjali li tintuża fil-livell tal-UE tittieħed minn sorsi differenti: ċensimenti tal-popolazzjoni, dejta amministrattiva aggregata, dejta minn intrapriżi u dejta dwar persuni u unitajiet domestiċi li tinġabar fuq livell individwali minn kampjuni. Il-proposta attwali għandha x'taqsam ma' dan l-aħħar sors ta' dejta statistika soċjali.

Is-sistema attwali għall-produzzjoni ta' statistika Ewropea dwar persuni u unitajiet domestiċi abbażi ta' dejta fuq livell individwali miġbura minn kampjuni (minn issa 'l quddiem imsejħa "statistika soċjali Ewropea miġbura minn kampjuni") hi magħmula minn għadd ta' Regolamenti speċifiċi ta' oqsma separati, li jispeċifikaw is-suġġetti eżatti li għandhom ikunu koperti u r-rekwiżiti tekniċi għall-ġbir tad-dejta (pereżempju d-daqs tal-kampjun, il-kriterji tal-kwalità u r-rekwiżiti għat-trażmissjoni). Bħalissa hemm ħames bażijiet ġuridiċi għat-twettiq ta' stħarriġiet soċjali Ewropej, li jirrelataw, rispettivament, għal Stħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol (LFS)[4], Statistika tal-UE dwar l-Introjtu u l-Kundizzjonijiet tal-Għajxien (EU-SILC)[5], l-Istħarriġ dwar l-Edukazzjoni għall-Adulti (AES)[6], l-Istħarriġ Ewropew dwar is-Saħħa permezz ta' Intervisti (EHIS)[7], u l-Istħarriġ dwar l-użu ta' Teknoloġiji tal-Informazzjoni u tal-Komunikazzjoni (ICT) fl-unitajiet domestiċi (ICT-HH)[8]. Żewġ stħarriġiet Ewropej jitwettqu abbażi ta' ftehim informali biss: l-Istħarriġ tal-Baġit Domestiku (HBS) u l-Istħarriġ dwar l-Użu tal-Ħin Armonizzat Ewropew (HETUS).

---

3 L-ESS hija s-sħubija bejn l-awtorità Ewropea tal-istatistika, li hija l-Kummissjoni (Eurostat), u l-istituti nazzjonali tal-istatistika (NSIs) u awtoritajiet nazzjonali oħra (ONAs) responsabbli f'kull Stat Membru għall-iżvilupp, il-produzzjoni u t-tixrid tal-istatistika Ewropea.

4 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 tad-9 ta' Marzu 1998 dwar l-organizzazzjoni ta' stħarriġ ta' kampjuni tal-forza tax-xogħol fil-Komunità (ĠU L 77, 14.3.1998, p. 3).

5 Ir-Regolament (KE) Nru 1177/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ġunju 2003 jirrigwarda l-istatistika Komunitarja dwar l-introjtu u l-kondizzjonijiet tal-għixien (UE-SILC) (ĠU L 165, 3.7.2003, p. 1).

6 Ir-Regolament (KE) Nru 452/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat- 23 ta' April 2008 dwar il-produzzjoni u l-iżvilupp tal-istatistika dwar l-edukazzjoni u t-tagħlim tul il-ħajja (ĠU L145, 4.6.2008, p. 227)

7 Ir-Regolament (KE) Nru 1338/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-istatistika Komunitarja dwar is-saħħa pubblika u s-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol (ĠU L 354, 31.12.2008, p. 70).

8 Ir-Regolament (KE) Nru 808/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar l-istatistiċi tal-Komunità dwar is-soċjetà tal-informazzjoni (ĠU L 143, 30.4.2004, p. 49).

Din l-inizjattiva hi parti mill-Programm dwar l-Idoneità u l-Prestazzjoni tar-Regolamentazzjoni (REFIT) u għandha l-għan li tissemplifika l-istatistika soċjali Ewropea miġbura minn kampjuni u li biha l-proċess tal-ġbir tad-dejta jsir aktar effiċjenti u r-riżultati mill-istatistika jkunu aktar rilevanti. Ir-Regolament propost għandu jiggarantixxi l-kumparabilità u l-koerenza tad-dejta fit-tul. Is-sistema ta' stħarriġ soċjali Ewropew għandha tkun robusta u effiċjenti biżżejjed u għandha tiżgura li tinżamm il-kwalità għolja tal-istatistika - u dan jista' jkun element ta' sfida minħabba l-bidla kontinwa f'dan il-qasam tal-istatistika: innovazzjoni rapida fil-metodoloġiji u l-użu tal-ICT, id-disponibilità ta' sorsi ġodda ta' dejta, il-ħtiġijiet u l-aspettattivi li jinbidlu tal-utenti tad-dejta u l-pressjoni kontinwa fuq ir-riżorsi disponibbli.

- **Il-konsistenza mad-dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti fil-qasam tal-politika**

Kulma jmur, qed tiżdied il-ħtieġa li l-istatistika tkun affidabbli, f'waqtha u ta' kwalità għolja sabiex dawk li jfasslu l-politika, l-intrapriżi u l-pubbliku ġenerali jkunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet xierqa bbażati fuq l-evidenza. Madankollu, il-provvista ta' statistika ta' din il-kwalità qed tkun ta' sfida għall-ESS: it-talba li dejjem tiżdied għad-dejta u t-talba mir-rispondenti għal stħarriġ statistiku li jnaqqas il-piż jingħaqdu flimkien biex joħolqu pressjoni fuq il-produzzjoni tal-istatistika. Għalhekk, inizjattivi ta' statistika reċenti kellhom l-għan li jissimplifikaw u jtejbu l-koordinazzjoni u l-kollaborazzjoni fl-ESS sabiex il-produzzjoni ta' statistika Ewropea ssir aktar effiċjenti u jitnaqqas il-piż fuq ir-rispondenti. Eżempju ta' dan hu r-Regolament (KE) Nru 223/2009 dwar l-istatistika Ewropea[9], li kien emendat fl-2015 biex jiċċara l-governanza tal-ESS u biex isaħħaħ il-mezzi tal-koordinazzjoni u kollaborazzjoni kemm fil-livell tal-UE u kemm f'dak nazzjonali. Inizjattivi oħra, bħal din il-proposta u r-Regolament qafas li jintegra l-istatistika tan-negozju (FRIBS), huma inklużi fl-inizjattiva REFIT tal-Kummissjoni u għandhom l-għan li jissemplifikaw u jirrazzjonalizzaw il-produzzjoni ta' statistika Ewropea f'oqsma fil-mira.

Il-Programm Statistiku Ewropew 2013-2017[10] jidentifika l-istatistika dwar "Ewropa tal-Persuni" (jiġifieri statistika soċjali) bħala wieħed mit-tliet pilastri tas-sistema tal-informazzjoni statistika: ta' natura ekonomika, soċjali u ambjentali. Kull wieħed mill-pilastri jkopri sett ta' statistika primarja li ser jipprovdi l-input meħtieġ għall-indikaturi tal-politika u sistemi ta' kontabilità. Sabiex jintlaħqu l-objettivi tal-Programm Statistiku Ewropew bl-aktar mod effiċjenti u konsistenti, dan ir-Regolament jistabbilixxi qafas legali wiesa' għall-produzzjoni tal-istatistika soċjali Ewropea li tinġabar minn kampjuni.

Il-Viżjoni 2020 tal-ESS[11] għandha l-għan li timmodernizza l-produzzjoni ta' statistika Ewropea, u għalhekk tkompli ttejjeb il-bilanċ bejn il-benefiċċji u l-importanza li jkollna statistika Ewropea ta' kwalità għolja u l-ispejjeż u l-piż marbuta mal-produzzjoni tagħhom. B'dan il-mod, l-ESS ser tikkontribwixxi biex tingħata risposta adegwata għall-ħtieġa li għandhom l-istituzzjonijiet Ewropej għal informazzjoni għat-tfassil ta' politika tagħhom, u

[9] Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolament (Euratom, KE) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trażmissjoni ta' data suġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom li tistabbilixxi Kumitat dwar il-Programmi tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164)

[10] Ir-Regolament (UE) Nru 99/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2013 dwar il-programm statistiku Ewropew tal-2013-2017 (ĠU L 39, 9.2.2013, p. 12).

[11] Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-Metodu ta' Produzzjoni tal-Istatistika tal-UE: Viżjoni għad-Deċennju li Ġej, KUMM(2009) 404 tat-18.8.2009.

għall-ħtiġijiet statistiċi tas-soċjetà ġenerali, filwaqt li tiġi kkunsidrata l-ħtieġa li jitnaqqas il-piż amministrattiv fuq l-unitajiet domestiċi u n-negozji.

- **Il-konsistenza ma' politiki oħrajn tal-UE**

L-iżvilupp u l-evalwazzjoni tal-politika fir-rigward tal-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni, b'mod partikolari dawk li jirrelataw mal-impjiegi, it-tkabbir u l-investiment, is-suq uniku diġitali, Unjoni Monetarja Ewropea (UME) aktar profonda u ġusta, il-migrazzjoni, is-suq intern, l-enerġija tal-unjoni u l-klima jirrikjedu għodod analitiċi u ta' monitoraġġ tajbin. Barra minn hekk, il-prijoritajiet politiċi jikkorrispondu għal għadd differenti ta' oqsma fl-istatistika soċjali u ekonomika, u dan jeħtieġ li tkun żgurata koerenza akbar bejn is-sorsi tad-dejta u li jiġi faċilitat aktar użu ta' sorsi u metodi innovattivi ġodda. L-Istrateġija Ewropa 2020 tuża indikaturi biex tissorvelja l-miri ewlenin, bħall-promozzjoni tal-impjieg, it-titjib fil-livelli tal-edukazzjoni u l-promozzjoni ta' inklużjoni soċjali permezz ta' tnaqqis fil-faqar. Il-kalkolu ta' dawn l-indikaturi jeħtieġ informazzjoni statistika f'waqtha. Din l-informazzjoni statistika għandha tkun prodotta bl-aktar mod effiċjenti possibbli bl-użu ta' metodi moderni ta' ġbir u produzzjoni ta' dejta statistika. In-nuqqas attwali ta' integrazzjoni bejn l-oqsma jagħmilha aktar diffiċli li tiġi analizzata d-dejta li tkun ġejja minn ġabriet ta' dejta eżistenti differenti. Ir-rekwiżiti statistiċi marbuta mal-Aġenda tal-2030 għal Żvilupp Sostenibbli, li tindirizza kemm il-qerda tal-faqar kif ukoll id-dimensjonijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali ta' żvilupp sostenibbli, se jibbenefikaw ukoll minn indikaturi aktar integrati u puntwali li jirriżultaw minn din il-proposta.

Il-prijoritajiet li jridu jindirizzaw il-politiki jistgħu jinbidlu, u l-ħtieġa għal statistika soċjali Ewropea ta' kwalità għolja hi mistennija li tkompli tiżdied fil-futur, pereżempju, meta tibda l-ħidma biex jintlaħqu l-objettivi tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali kif ippjanat. Barra minn hekk, hi meħtieġa statistika ta' kwalità għolja biex dawk li jfasslu l-politika jkunu jistgħu jħarsu lil hinn mill-kuntest attwali, biex jidentifikaw u jiżviluppaw oqfsa u miri ta'politika ġodda. L-importanza ta' statistika Ewropea mhix limitata għat-tul ta' żmien tal-istrateġiji attwali. Biex nieħdu eżempju mill-passat reċenti: kien possibbli biss li jiġu stabbiliti l-miri bbażati fuq l-indikaturi għall-Istrateġija Ewropa 2020 għax il-bażi statistika Ewropea kienet b'saħħitha biżżejjed biex jitkejlu u jiġu ssorveljati dawn il-miri. F'din l-okkażjoni, l-użu ta' dejta eżistenti għal skop ġdid wera l-importanza li tiġi żviluppata u sostnuta statistika bażika li hija flessibbli biżżejjed li tkun adattata malajr skont ir-rekwiżiti ta' politika ġdida.

It-titjib fl-istatistika soċjali skont il-prijoritajiet tal-Unjoni u d-dimensjoni soċjali aktar qawwija tal-UE ser jirrikjedu impenn qawwi mill-Istati Membri u koordinazzjoni aktar mill-qrib bejn dawk li jfasslu l-politika u l-istatistiċi fl-istadji kollha. Se jkun kruċjali li huma jżommu investiment suffiċjenti fl-istatistika soċjali u jipprovdu l-appoġġ politiku meħtieġ, l-aktar fir-rigward ta' aċċess għal dejta amministrattiva.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Il-bażi ġuridika**

L-Artikolu 338 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprovdi l-bażi ġuridika għall-istatistika Ewropea. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja, jadottaw miżuri għall-produzzjoni tal-istatistika, fejn dan ikun meħtieġ, sabiex l-Unjoni twettaq ir-rwol tagħha. L-Artikolu 338 jistabbilixxi r-rekwiżiti marbuta mal-produzzjoni tal-istatistika Ewropea, filwaqt li jiddikjara li l-istatistika għandha tkun konformi mal-istandards ta' imparzjalità, affidabbiltà, oġġettività, indipendenza xjentifika, effettività fl-infiq u kunfidenzjalità statistika.

- **Is-sussidjarjetà (għal kompetenzi mhux esklużivi)**

Il-prinċipju tas-sussidjarjetà japplika sa fejn il-proposta ma taqax taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni.

L-ESS tipprovdi infrastruttura għal informazzjoni statistika. Is-sistema hi mfassla biex tissodisfa l-ħtiġijiet ta' diversi utenti, għall-iskop ta' teħid ta' deċiżjonijiet f'soċjetajiet demokratiċi.

Il-proposta għal dan ir-Regolament ġiet abbozzata bil-ħsieb li jkunu protetti l-attivitajiet ewlenin tal-imsieħba tal-ESS filwaqt li titjieb l-effiċjenza u jiġi żgurat li kemm jista' jkun jiġu evitati l-bidliet mhux meħtieġa u d-duplikazzjoni tal-ħidma.

Bħalissa l-ġbir ta' statistika koperta mill-proposta jseħħ skont regoli differenti fil-livell tal-UE. Il-proposta għandha l-għan li tissimplifika u timmodernizza l-ġbir ta' statistika taħt qafas wieħed. Il-provvista ta' statistika minn madwar l-UE li tista' titqabbel għal skopijiet ta' politika hija possibbli biss permezz ta' azzjoni fil-livell tal-UE.

Wieħed mill-kriterji ewlenin li trid tissodisfa din id-dejta statistika hi li tkun koerenti u li tkun tista' titqabbel. L-Istati Membri ma jistgħux jiksbu l-koerenza u l-kumparabilità meħtieġa mingħajr qafas Ewropew ċar, jiġifieri leġiżlazzjoni tal-Unjoni li tistabbilixxi l-kunċetti statistiċi komuni, il-formati ta' rappurtar u r-rekwiżiti ta' kwalità.

L-għan tal-azzjoni proposta, jiġifieri s-simplifikazzjoni tal-istatistika soċjali Ewropea miġbura minn kampjuni, ma jistax jintlaħaq b'mod sodisfaċenti jekk l-Istati Membri jaġixxu separatament. Tista' tittieħed azzjoni b'mod aktar effettiv fil-livell tal-UE, abbażi ta' att legali tal-Unjoni li jiżgura l-koerenza u l-kumparabilità ta' informazzjoni statistika fil-livell tal-UE fl-oqsma statistiċi koperti mill-att propost. Sadanittant, il-ġbir ta' dejta nnifsu jista' jitwettaq mill-Istati Membri.

L-Unjoni tista' għalhekk tadotta miżuri f'dan il-qasam, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità, fid-dawl ta' dan li ġej:

Din ser tiżgura l-kwalità u l-kumparabilità tal-istatistika soċjali Ewropea miġbura minn kampjuni bl-applikazzjoni tal-istess prinċipji madwar l-Istati Membri. Bl-istess mod, din se tiżgura li l-istatistika soċjali Ewropea miġbura minn kampjuni tibqa' rilevanti u li din tiġi adattata biex tirrispondi għall-ħtiġijiet tal-utent. Ir-Regolament ser jagħmel il-produzzjoni ta' statistika aktar kosteffettiva, filwaqt li jiġu rrispettati l-karatteristiċi speċifiċi tas-sistemi tal-Istati Membri.

Il-leġiżlazzjoni attwali tal-UE dwar l-istatistika marbuta ma' persuni u unitajiet domestiċi kienet qed tiġi riveduta kontinwament matul dawn l-aħħar snin. Huwa ċar li Regolament li jistabbilixxi qafas komuni għall-proċess ta' ġbir, ipproċessar u tqassim ta' dejta statistika f'dawn l-oqsma soċjali speċifiċi jista' jagħmel dan il-proċess aktar effiċjenti (bil-benefiċċju ta' nefqa anqas) u effettiv.

Ir-Regolament mistenni li jnaqqas il-piż finanzjarju u amministrattiv li jitpoġġa fuq ir-rispondenti, l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali, negozji u l-pubbliku ġenerali. Dan se jintlaħaq permezz ta': l-istandardizzazzjoni ta' kunċetti u metodi, it-tneħħija ta' duplikazzjonijiet, it-tnaqqis tal-frekwenza ta' trażmissjoni ta' dejta f'ċerti żoni, u b'użu akbar ta' kombinazzjoni ta' riżorsi flimkien mal-istħarriġ.

B'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, ir-Regolament propost jillimita ruħu għall-minimu meħtieġ biex jitwettaq l-għan tiegħu u ma jmurx lil hinn minn dak li hu neċessarju għal dak l-iskop.

- **L-għażla tal-istrument**

L-istrument li qed jiġi propost: Regolament.

B'kunsiderazzjoni tal-għanijiet u l-kontenut tal-proposta, Regolament huwa l-istrument l-iżjed xieraq.

L-għażla tal-istrument xieraq tiddependi fuq l-għan li jrid jintlaħaq mil-leġiżlazzjoni. Minħabba l-ħtieġa għal informazzjoni statistika kumparabbli fil-livell Ewropew, it-tendenza fl-istatistika Ewropea kienet li jintużaw regolamenti aktar milli direttivi bħala l-atti bażiċi. Regolament huwa preferibbli għax dan jistabbilixxi l-istess liġi madwar l-Unjoni. Dan jiżgura l-kumparabilità tad-dejta fl-UE, u b'hekk jippermetti li tkun prodotta statistika Ewropea ta' kwalità għolja. Huwa applikabbli direttament, li jfisser li m'hemmx bżonn jiġi traspost fil-liġi nazzjonali.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **L-evalwazzjonijiet ex-post/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Minħabba li din l-inizjattiva nbdiet qabel l-adozzjoni tal-linji gwida l-ġodda ta' Regolamentazzjoni Aħjar (KUMM (2015)215), għadha ma twettqet l-ebda evalwazzjoni sħiħa tas-sistema attwali għall-produzzjoni ta' statistika soċjali Ewropea miġbura minn kampjuni. Abbażi tal-istandards tal-Kummissjoni, ġiet segwita s-sistema tal-Eurostat għall-evalwazzjoni ta' leġiżlazzjoni eżistenti, inkluż l-evalwazzjoni tal-Programm Statistiku Ewropew[12] u din iffurmat parti ċentrali mill-proċess kollu. Barra minn hekk, kull sena jitwettqu stħarriġiet tal-utenti sabiex jinkiseb għarfien aħjar dwar l-utenti, il-ħtiġijiet tagħhom u s-sodisfazzjon tagħhom bis-servizzi pprovduti minn Eurostat. Ir-riżultati tal-evalwazzjoni jintużaw mill-Eurostat biex jittejjeb il-proċess tal-produzzjoni ta' informazzjoni statistika u l-output statistika tiegħu. Dawn jikkontribwixxu għal diversi pjanijiet strateġiċi, bħall-programm ta' ħidma u l-pjan ta' ġestjoni.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet interessati**

Tliet gruppi ewlenin ta' partijiet interessati kienu mmirati għall-konsultazzjoni:

- Il-produtturi ta' dejta: din il-kategorija tinkludi l-awtoritajiet responsabbli għall-ġbir u l-kumpilazzjoni ta' statistika soċjali. Tinkludi l-aktar l-istituti tal-istatistika nazzjonali (NSIs), fil-livell nazzjonali, u l-Eurostat, fil-livell tal-UE. F'dan il-kuntest, il-produtturi tad-dejta huma wkoll ir-rappreżentanti ewlenin tal-fornituri primarji tad-dejta; jiġifieri l-unitajiet domestiċi.
- Il-fornituri tad-dejta: din il-kategorija tinkludi kemm lir-rispondenti u l-istituzzjonijiet nazzjonali li huma d-detenturi tal-fajls tad-dejta amministrattiva, bħad-dipartimenti tal-gvern tas-sigurtà soċjali u tat-taxxa. L-NSIs huma meqjusa wkoll, fis-sens aktar wiesa', bħala alternattiva għall-fornituri primarji tad-dejta (jiġifieri l-unitajiet domestiċi) minħabba d-diffikultà biex jitwettqu l-intervisti ma' unitajiet domestiċi individwali għall-iskopijiet ta' din il-konsultazzjoni.

---

[12] Ara http://ec.europa.eu/eurostat/web/quality/evaluation.

- L-utenti tad-dejta: f'dan il-grupp, tista' ssir distinzjoni bejn l-utenti istituzzjonali (il-Kummissjoni nnifisha, dipartimenti tal-gvern nazzjonali, organizzazzjonijiet internazzjonali oħrajn u persunal professjonali li jaħdem f'istituzzjonijiet oħra tal-UE) u utenti esterni oħrajn, bħall-pubbliku ġenerali, il-midja u akkademiċi.

Ta' min isemmi entità partikolari li ġiet ikkonsultata bħala utent tad-dejta: il-Kumitat Konsultattiv Ewropew tal-Istatistika (ESAC), imwaqqaf fl-2008 bid-Deċiżjoni Nru 234/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[13]. Dan għandu 24 membru li jirrappreżentaw lill-utenti, lir-rispondenti u partijiet oħra interessati li għalihom hija rilevanti l-istatistika Ewropea (inkluż il-komunità xjentifika, sħab soċjali u s-soċjetà ċivili), flimkien ma' utenti istituzzjonali (pereżempju l-Kunsill u l-Parlament Ewropew). Skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 223/2009, l-ESAC jista' jiġi kkonsultat matul il-proċess tat-tħejjija ta' leġiżlazzjoni ġdida possibbli.

Il-konsultazzjoni twettqet matul il-perjodu minn Lulju sa Diċembru 2015. Ir-riżultati huma ppreżentati fi tliet rapporti speċifiċi[14].

Il-problemi, kif innutati mill-partijiet interessati kkonsultati, jistgħu jinġabru kif ġej:

(1) L-utenti tad-dejta huma kkonċernati dwar ir-riskju li l-istatistika uffiċjali Ewropea ma tissodisfax il-ħtiġijiet tagħhom, jiġifieri li ma tkunx rilevanti. It-tħassib tagħhom jinbet minn għadd ta' kwistjonijiet li jirrelataw mal-kwalità tad-dejta, bħan-nuqqas ta' kopertura ta' kwistjonijiet soċjali emerġenti, prontezza ristretta u kumparabilità u koerenza limitati bejn gruppi ta' dejta statistika.

(2) Il-produtturi tad-dejta (NSIs) huma kkonċernati dwar l-ispejjeż għolja tal-produzzjoni u l-pressjoni li ssir fuqhom minħabba l-iskadenzi qosra li jiġu stabbiliti għall-provvista tal-informazzjoni statistika meħtieġa fil-kuntest ta' kriżijiet soċjali emerġenti. Il-piż ta' rispons huwa problema wkoll (minħabba li hemm riskju li piż kbir wisq jikkawża tnaqqis fir-rati tar-rispons, u b'hekk tiddeterjora l-kwalità tad-dejta). L-NSIs jixtiequ li jkollhom aktar appoġġ għall-proċessi ta' modernizzazzjoni tagħhom (pereżempju innovazzjoni fit-teknoloġija, metodoloġiji, l-użu ta' sorsi ġodda ta' dejta u ġestjoni), li l-għan tagħhom hu li jnaqqsu l-ispejjeż tal-produzzjoni.

Is-soluzzjonijiet deskritti mill-partijiet interessati jistgħu jinġabru fi tliet oqsma ewlenin ta' azzjoni:

- li l-istatistika soċjali Ewropea ssir aktar adattabbli għall-ħtiġijiet ta' informazzjoni emerġenti (jiġifieri titjib fir-rilevanza tagħha);
- żieda fil-koerenza u l-kumparabilità tal-istatistika soċjali Ewropea, sabiex tkun żgurata kwalità ogħla;

---

[13] Id-Deċiżjoni Nru 234/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2008 li tistabbilixxi l-Kumitat Ewropew ta' Konsultazzjoni dwar il-Politika Komunitarja ta' Tagħrif Statistiku u li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 91/116/KEE (ĠU L 73, 15.3.2008, p. 13).

[14] [14]Il-websajt ta' konsultazzjoni pubblika tal-Eurostat: http://ec.europa.eu/eurostat/about/opportunities/consultations/iess
Ir-rapport ta' konsultazzjoni pubblika miftuħa: http://ec.europa.eu/eurostat/documents/10186/7237349/Open-public-consultation-report.pdf.
Il-konsultazzjoni mal-utenti tad-dejta: http://ec.europa.eu/eurostat/documents/10186/7237349/Data-users-consultation-report.pdf.
Il-konsultazzjoni mal-produtturi tad-dejta: http://ec.europa.eu/eurostat/documents/10186/7237349/Data-producers-consultation-report.pdf.

- l-użu ta’ approċċi innovattivi biex jitnaqqsu l-ispejjeż tal-produzzjoni u jitnaqqas il-piż tar-rispons.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

L-Eurostat kellu diskussjonijiet estensivi mal-NSIs dwar il-proposti. Dan waqqaf gruppi ta’ ħidma (għal kull ġabra ta’ dejta statistika), task forces u gruppi ta’ diretturi, li ltaqgħu regolarment biex jikkonsultaw dwar il-proposta. Il-proposta ġiet ippreżentata wkoll lill-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika (ESSC) stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 223/2009. L-ESSC jipprovdi gwida professjonali lill-ESS dwar l-iżvilupp, il-produzzjoni u t-tqassim ta’ statistika Ewropea. Huwa mmexxi mill-Kummissjoni (Eurostat) u huwa magħmul mir-rappreżentanti tal-NSIs. Il-pajjiżi taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) u l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA) jipparteċipaw bħala osservaturi. Osservaturi mill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE), l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD) u organizzazzjonijiet internazzjonali oħra jistgħu jattendu wkoll il-laqgħat tal-ESSC.

Ittieħdu wkoll opinjonijiet u għarfien espert estern minn numru ta’ sorsi addizzjonali:

(1) Il-konsultazzjoni mal-partijiet interessati deskritta hawn fuq inkludiet l-opinjonijiet tal-utenti tad-dejta u tal-fornituri tad-dejta.

(2) Intalbet ukoll l-opinjoni tal-ESAC, bħala sors estern ta’ għarfien espert. L-ESAC esprimiet l-appoġġ tagħha għall-proposta ta’ regolament qafas għall-istatistika Ewropea dwar persuni u unitajiet domestiċi. Din tqis li regolament qafas huwa essenzjali biex jappoġġja l-aġenda attwali, aktar estensiva tal-Kummissjoni dwar il-politika soċjali, u biex jittejbu l-integrazzjoni u l-konsistenza ta’ dejta soċjali madwar l-Ewropa[15].

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Din il-proposta hija akkompanjata minn valutazzjoni tal-impatt. Din tidentifika l-problemi li qed jiġu affaċċjati bħalissa, tippreżenta numru ta’ għażliet ta’ politika li jistgħu jintużaw biex jiġu indirizzati dawn il-problemi, u tivvaluta l-impatt soċjali u ekonomiku ta’ kull waħda minn dawn l-għażliet.

Il-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju ta opinjoni pożittiva dwar il-valutazzjoni tal-impatt f’Marzu 2016.

Il-valutazzjoni tal-impatt identifikat żewġ fatturi ewlenin li jiddeterminaw il-problemi li qed jiġu affaċċjati fil-qasam tal-istatistika soċjali Ewropea miġbura minn kampjuni:

(1) il-frammentazzjoni tal-istatistika soċjali Ewropea miġbura minn kampjuni f’oqsma differenti; kif ukoll

(2) l-inflessibilità tal-metodi li jintużaw għall-ġbir ta’ dejta dwar persuni u unitajiet domestiċi.

Ġew valutati l-għażliet li ġejjin bħala modi kif tiġi indirizzata l-frammentazzjoni tal-istatistika soċjali Ewropea miġbura minn kampjuni.

Għażla	Deskrizzjoni
1.0 Linja bażi: proċessi ta’	Tinżamm l-istruttura legali attwali b’Regolamenti

15 Ara: http://ec.europa.eu/eurostat/documents/42577/4167614/ESAC+opinion+3+Dec+2015/421abf9c-4300-445f-a840-f13cadeee306.

produzzjoni frammentati, l-ebda integrazzjoni legali	tal-UE speċifiċi għall-qasam u proċessi frammentati (linji gwida, proċeduri u proċessi ta' produzzjoni differenti)
1.1 Deframmentazzjoni tal-proċessi ta' produzzjoni, l-ebda integrazzjoni ta' leġiżlazzjoni eżistenti	Jinżammu r-Regolamenti tal-UE speċifiċi għall-qasam, iżda titfittex aktar standardizzazzjoni tal-proċessi ta' produzzjoni, definizzjonijiet u varjabbli ("deframmentazzjoni") differenti fil-ġabriet tad-dejta
1.2 Proċessi ta' produzzjoni frammentati (stovepipes), iżda integrazzjoni tal-leġiżlazzjoni eżistenti	Tiġi integrata l-leġiżlazzjoni dwar l-istatistika soċjali Ewropea miġbura minn kampjuni, mingħajr ma titfittex b'mod attiv id-"deframmentazzjoni" ta' proċessi ta' produzzjoni
1.3 Deframmentazzjoni ta' proċessi ta' produzzjoni, integrazzjoni legali	Tingħaqad l-integrazzjoni legali ma' deframmentazzjoni ta' proċessi ta' produzzjoni Din l-għażla għandha għażliet sekondarji, karatterizzati mid-differenza tagħhom fl-ambitu u l-governanza tas-sistema kollha
1.3a Deframmentazzjoni tal-proċessi ta' produzzjoni, integrazzjoni ta' leġiżlazzjoni eżistenti	Tinkludi biss il-ħames Regolamenti attwali (LFS, SILC, AES, EHIS u ICT-HH)
1.3b Deframmentazzjoni tal-proċessi ta' produzzjoni, integrazzjoni ta' governanza ta' statistika soċjali Ewropea miġbura minn kampjuni	Ġabriet ta' dejta HBS/HETUS koperti wkoll mir-Regolament Id-differenzi attwali bejn l-Istati Membri jissuġġerixxu li hi meħtieġa armonizzazzjoni sostanzjali

It-tliet għażliet t'hawn taħt ġew analizzati bħala metodi possibbli ta' kif tiġi indirizzata l-inflessibilità tal-ġbir ta' dejta.

Għażla	Deskrizzjoni
2.0 Linja bażi: programm u teknikalitajiet determinati mil-leġiżlazzjoni	Bidliet għall-programm jew punti tekniċi jirrikjedu bidliet fir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill
2.1 Programmazzjoni determinata minn leġiżlazzjoni / speċifikazzjonijiet tekniċi flessibbli	Programmazzjoni statistika determinata mill-Parlament u mill-Kunsill, aktar flessibilità f'punti tekniċi
2.2 Programmazzjoni flessibbli / speċifikazzjonijiet tekniċi flessibbli	Flessibilità fil-programmazzjoni statistika u fil-punti tekniċi

Fuq il-bażi tar-riżultati tal-valutazzjoni tal-impatt, l-għażliet ta' politika 1.3a (Konsolidazzjoni tar-Regolamenti eżistenti, "deframmentazzjoni" ta' proċessi ta' produzzjoni) u 1.3b fit-tul (Integrazzjoni tal-governanza tal-istatistika soċjali Ewropea miġbura minn kampjuni, deframmentazzjoni ta' proċessi ta' produzzjoni li jintużaw għal ġabriet ta' dejta differenti) intgħażlu biex tiġi indirizzata l-frammentazzjoni tal-istatistika soċjali Ewropea miġbura minn kampjuni. Dawn l-għażliet ta' politika jinkludu l-integrazzjoni tar-Regolamenti tal-UE stabbiliti attwalment għal oqsma speċifiċi differenti, u miżuri mfassla biex tinħoloq konsistenza akbar fil-produzzjoni u t-trattament tad-dejta. Dan l-approċċ jista' joffri l-aqwa opportunitajiet sabiex: l-istatistika soċjali miġbura minn kampjuni ssir aktar adattabbli għall-ħtiġijiet tal-utenti li qed jinbidlu, titjieb il-kwalità tagħhom, jiżdied l-użu ta' metodi innovattivi, u jitnaqqsu jew jiġu limitati l-ispejjeż maħluqa mid-disinn frammentat attwali tal-istatistika soċjali Ewropea miġbura minn kampjuni.

L-għażla ta' politika 2.1 (Programmazzjoni statistika determinata mill-Parlament u mill-Kunsill, flessibilità f'punti tekniċi) ġiet magħżula bħala approċċ possibbli sabiex tiġi indirizzata s-sistema attwali ta' ġbir ta' dejta. Din l-għażla ta' politika hi bbażata fuq il-prinċipju tad-diżakkoppjament tar-rekwiżiti wiesa' li jirrelataw mal-programmazzjoni minn rekwiżiti tekniċi, u ssegwi l-ispirtu tar-Regolament (KE) Nru 223/2009. Dan l-approċċ jgħin biex tittejjeb il-kwalità tat-teħid ta' deċiżjonijiet u, b'hekk tittejjeb il-kwalità tal-informazzjoni statistika, tiżdied il-kapaċità biex jintużaw metodi innovattivi, u tittejjeb l-abilità biex tiġi adattata l-informazzjoni statistika skont il-ħtiġijiet tal-utenti.

L-implimentazzjoni tal-għażliet ta' politika 1.3a u b tista' toħloq spiża ta' disinn għal darba għall-NSIs. Madankollu hu stmat li l-ispiża globali għall-implimentazzjoni ser tonqos, l-aktar minħabba tnaqqis fis-sensji u t-trikkib bejn il-ġabriet tad-dejta differenti u l-użu mill-ġdid ta' sistemi ta' produzzjoni.

Skont kif jiġu implimentati l-metodi ta' produzzjoni fil-livell nazzjonali, (pereżempju jekk jiġux adottati innovazzjonijiet teknoloġiċi u metodoloġiċi, jekk ikunx hemm aċċess imtejjeb għal reġistri amministrattivi), l-ispejjeż żejda fil-fażi tad-disinn oriġinali ta' stħarriġ soċjali jistgħu jiġu bbilanċjati fil-parti l-kbira minn tnaqqis fl-ispejjeż fil-fażi tal-ġbir ta' dejta, li tirrappreżenta żewġ terzi tan-nefqa totali tal-produzzjoni statistika.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

L-objettiv REFIT tal-proposta huwa li jsir l-aħjar użu possibbli mill-informazzjoni pprovduta minn persuni u unitajiet domestiċi privati, u biex jintlaħqu l-ħtiġijiet attwali u futuri għall-istatistika Ewropea filwaqt li jiġi limitat il-piż tar-rispons. Din is-simplifikazzjoni għandha tintlaħaq billi d-diversi ġabriet ta' dejta statistika Ewropea, li bħalissa huma koperti minn regolamenti separati, jinġabu lkoll taħt qafas wieħed. Dettalji għat-tnaqqis fl-ispiża għall-produtturi u l-fornituri tad-dejta, ikkalkulata abbażi ta' xenarji mudell, jistgħu jinstabu fil-valutazzjoni tal-impatt (Taqsima 7.4 *Impatti fuq l-effiċjenza* u Anness 4 *Mudelli analitiċi li jintużaw fil-preparazzjoni tal-valutazzjoni tal-impatt*). L-ipoteżi tal-linja bażi twassal għal żieda stmata fl-ispejjeż ta' €10.3 miljun fil-fażi tad-disinn (fil-livell tal-UE), filwaqt li twassal għal tnaqqis ta' €20.8 miljun fil-ġbir tad-dejta (valur nett preżenti ta' €-10.4 miljun). Madankollu, l-istima tal-ispejjeż varjat bejn valur nett preżenti ta' €-3.1 miljun taħt ipoteżi aktar ristretta u valur nett preżenti ta' -34 miljun taħt għażla anqas restrittiva.

Minħabba li l-proposta tikkonċerna dejta miġbura minn persuni u unitajiet domestiċi privati, m'hemm l-ebda impatt fuq l-intrapriżi, inkluż mikrointrapriżi u intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs).

Il-proposta hi konsistenti mal-Kontroll Diġitali, minħabba li din tippromwovi interoperabilità u użu mill-ġdid bl-użu ta':

- L-istess speċifikazzjonijiet tekniċi għal settijiet ta' dejta L-ispeċifikazzjonijiet jinkludu: in-numru u d-deskrizzjoni ta' varjabbli; il-klassifikazzjonijiet statistiċi; il-karatteristiċi tal-popolazzjonijiet statistiċi, l-unitajiet ta' osservazzjoni u r-rispondenti; il-perjodi ta' referenza u dati; u r-rekwiżiti relatati mal-kopertura ġeografika, karatteristiċi tal-kampjun, aspetti tekniċi tal-field work, editjar u imputazzjoni, ponderazzjoni, stima u stima tal-varjanza.
- L-istess standards għat-trażmissjoni, l-iskambju u l-qsim tal-informazzjoni bejn l-Eurostat u l-Istati Membri. L-istandards se jkopru kunċetti, proċessi u prodotti inkluż dejta u metadejta.

Fejn il-kwalità tad-dejta tikkonforma mal-kriterji ta' kwalità definiti fl-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jipprovdu dejta minn diversi sorsi inkluż metodi jew approċċi innovattivi safejn dawn jiżguraw produzzjoni ta' dejta li tista' titqabbel u li hija kompatibbli mar-rekwiżiti speċifiċi stipulati mir-Regolament.

- **Id-drittijiet fundamentali**

Il-proposta ma għandhiex konsegwenzi għall-ħarsien tad-drittijiet fundamentali. Il-kunsiderazzjonijiet l-aktar rileventi għal din il-proposta huma l-effetti possibbli fuq il-protezzjoni ta' dejta personali (li d-drittijiet għaliha huma stabbiliti mill-Artikolu 8 tal-Karta tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali, l-Artikolu 16 tat-TFUE u f'leġiżlazzjoni sekondarja[16]). Madankollu, l-ebda waħda mill-għażliet ta' politika magħżula ma tipprevedi bidla fid-dispożizzjonijiet fuq il-protezzjoni ta' dejta personali. Leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-UE dwar l-istatistika tistabbilixxi li l-NSIs jiggarantixxu l-protezzjoni tad-dejta. Huma għandhom fis-seħħ politiki b'saħħithom, pereżempju għall-ħarsien tal-kunfidenzjalità tar-rispondenti, biex ir-rekords ikunu anonimi u għall-ħarsien tar-risposti għall-kwestjonarji.

4. L-IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Hemm perjodu ta' introduzzjoni progressiva għall-implimentazzjoni tal-proposta li jdum seba' snin, mill-2019 sal-2025, madankollu l-programm għandu jkompli wara. Huma biss is-snin tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) attwali li ġew ikkunsidrati fid-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva. It-tkomplija tal-finanzjament se jkun kundizzjonali, skont il-ftehim li jintlaħaq għall-QFP li jmiss, u għat-tkomplija tal-programmi speċifiċi li għalihom hu previst il-finanzjament.

Għas-snin 2019 u 2020, il-finanzjament ser jiġi mill-allokazzjonijiet eżistenti għal programmi, u mhux meħtieġ finanzjament addizzjonali.

L-approprjazzjonijiet totali għall-2019 u l-2020 huma stmati għal EUR 28,814 miljun. L-implikazzjonijiet baġitarji dettaljati huma stabbiliti fid-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva.

[16] Id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

5. ELEMENTI OĦRAJN

- **Il-pjanijiet ta' implimentazzjoni u l-arranġamenti tal-monitoraġġ, tal-evalwazzjoni u tar-rappurtar**

Ir-Regolament propost hu mistenni li jkun adottat mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill fl-2017 jew fl-2018, bl-adozzjoni ta' miżuri ta' implimentazzjoni mill-Kummissjoni li sseħħ ftit wara.

L-Istati Membri huma mistennija li jibdew it-trażmissjoni tad-dejta lill-Kummissjoni taħt ir-Regolament il-ġdid fl-2019.

L-istrument leġiżlattiv propost se jkun soġġett għal evalwazzjoni kompleta sabiex jivvaluta, fost l-oħrajn, kemm kien effettiv u effiċjenti fil-kisba tal-għanijiet u biex ikun deċiż jekk humiex meħtieġa miżuri jew emendi ġodda.

Huwa importanti li l-ewwel nett nikkunsidraw l-għodda *eżistenti* ta' monitoraġġ u evalwazzjoni li jintużaw bħalissa, u li l-oqsma kollha jiġu applikati għall-produzzjoni statistika tal-Eurostat. Dawn l-għodda diġà jipprovdu mezz ta' analiżi tal-bidliet fl-effettività u fl-effiċjenza tal-inizjattiva statistika l-ġdida u l-kwalità tad-dejta prodotta. L-għodod ewlenin huma dawn li ġejjin:

- Il-programm Statistiku Ewropew attwali jipprovdi għal evalwazzjonijiet fit-terminu medju u finali tal-programm, sabiex jitwettqu sistematikament. L-istatistika soċjali hija parti integrali minn dawn il-mekkaniżmi ta' rappurtar[17].
- Il-pjan ta' ġestjoni tal-Eurostat jistipula li tittieħed azzjoni bħala rispons għal indikaturi tal-prestazzjoni ewlenin li japplikaw għal diversi oqsma, inkluż l-istatistika soċjali[18].
- Stħarriġ dwar is-sodisfazzjon tal-utent jitwettaq fuq bażi regolari[19].

Kull qasam statistiku huwa wkoll ikkontrollat permezz ta' rapporti ta' kwalità, li huma prodotti mill-Istati Membri fuq bażi regolari, u analizzati mill-Eurostat bħala parti mill-qafas ta' assigurazzjoni tal-kwalità statistika. Dawn ir-rapporti jkopru l-kwalità ta' riżultati statistiċi fit-termini tar-rilevanza, l-eżattezza u l-affidabilità tagħhom, il-prontezza u l-puntwalità, l-aċċessibilità u ċ-ċarezza, il-koerenza u l-kumparabilità, kif stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 223/2009.

L-ispiża tal-produzzjoni tal-istatistika ser tkun ikkontrollata wkoll bħala parti mill-ġbir ta' dejta ta' rutina. L-aspetti li ġejjin, b'mod partikolari, se jkunu kkontrollati fid-dettall (kemm fuq livell individwali u dak varjabbli): żviluppi fl-użu ta' dejta amministrattiva, il-metodu tal-ġbir ta' dejta (pereżempju intervista permezz tal-internet, intervista wiċċ imb wiċċ), id-daqs tal-kampjun, it-tul tal-kwestjonarji, it-tul tal-intervisti, u l-frekwenza tal-ġbir ta' dejta. Dan għandu jippermetti li jitkejlu l-progress li sar fl-użu ta' tekniċi speċifiċi u l-effett ta' dawn il-

---

17 Ara http://ec.europa.eu/eurostat/web/quality/general-evaluation-results.

18 Il-ħames indikaturi ta' prestazzjoni ewlenin huma dawn li ġejjin: l-għadd ta' estrazzjonijiet tad-dejta li jsiru minn utenti esterni mill-bażijiet ta' dejta ta' referenza tal-Eurostat (EuroBase u Comext) permezz tal-websajt tal-Eurostat; il-perċentwal ta' utenti li jiggradaw il-kwalità globali tal-istatistika Ewropea bħala "Tajba ħafna" jew "Tajba"; il-perċentwal ta' utenti li jiggradaw it-tempesitività tal-istatistika Ewropea għall-finijiet tagħhom bħala "Tajba ħafna" jew "Tajba"; il-perċentwal ta' utenti li jiggradaw il-kumparabilità tal-istatistika Ewropea bejn ir-reġjuni u l-pajjiżi bħala "Tajba ħafna" jew "Tajba"; u r-rata ta' erruri residwi (RER).

19 Ara http://ec.europa.eu/eurostat/web/quality/general-evaluation-results.

bidliet fuq il-piż għar-rispondenti. Barra minn hekk, il-varjazzjoni fl-ispiża għall-ġbir ta' dejta soċjali f'livell aggregat tal-UE ser jintuża bħala indikatur globali għal-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni proposta. L-indikatur ser jiddistingwi bejn l-ispiża għall-NSIs tad-disinn, il-ġbir u t-trażmissjoni tad-dejta rispettivament. Dawn iċ-ċifri ma jistgħux jitqabblu direttament fl-Istati Membri kollha, minħabba differenzi ovvji fid-daqs tagħhom, l-approċċ li jieħdu lejn l-istatistika u żviluppi oħra. Madankollu, tul iż-żmien dawn l-indikaturi se jkunu jistgħu jintużaw biex tinżamm traċċa tal-iżvilupp tal-ispejjeż għall-produzzjoni ta' statistika soċjali Ewropea miġbura minn kampjuni, fil-livell tal-UE u għal kull Stat Membru individwali. Dawn l-ispejjeż jistgħu jiġu espressi f'termini tal-persunal involut (pereżempju numru ekwivalenti ta' intervistaturi full-time li jkunu qed jaħdmu) jew riżorsi finanzjarji (pereżempju l-allokazzjoni tal-baġit għal ġabra ta' dejta partikolari). Dawn l-indikaturi jipprovdu informazzjoni kruċjali għall-monitoraġġ tal-ispiża tal-produzzjoni ta' statistika soċjali miġbura minn kampjuni, li hija waħda mill-punti ewlenin indirizzati mil-leġiżlazzjoni l-ġdida proposta. Jeħtieġ li jiġi żviluppat qafas imtejjeb u armonizzat għar-rappurtar ta' spejjeż, li jkopri l-ESS kollu u li jiddistingwi bejn il-fażijiet differenti ta' produzzjoni tal-istatistika.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Ir-Regolament propost jikkonsisti minn 19-il Artikolu u ħames Annessi.

Kif stabbilit fl-Artikolu 1 ("Is-Suġġett") l-iskop tar-Regolament hu li jistabbilixxi qafas komuni għall-istatistika Ewropea li jirrelata ma' persuni u unitajiet domestiċi, abbażi ta' dejta fil-livell individwali miġbura minn kampjuni. L-Artikolu 2 jinkludi definizzjonijiet tat-termini speċifiċi użati fir-Regolament.

L-istatistika koperta mir-Regolament hi organizzata fl-oqsma u s-suġġetti elenkati taħt l-Artikolu 3, u spjegati aktar fid-dettall fl-Anness I tar-Regolament propost. Qed jiġi propost li tingħata s-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta atti delegati biex jiġu emendati s-suġġetti ddettaljati elenkati fl-Anness I sabiex id-dejta miġbura tiġi adattata għall-ħtiġijiet tal-utenti futuri. Barra minn hekk, qed jiġi propost li tingħata s-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta atti delegati stabbiliti jew li tadatta pjan kontinwu pluriennali (l-Artikolu 4) sabiex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet speċifiċi tal-utenti li jirriżultaw minn bidliet teknoloġiċi, soċjali u ekonomiċi.

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa wkoll li tadotta miżuri ta'implimentazzjoni dwar l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tas-settijiet tad-dejta (l-Artikolu 6), l-istandards għat-trażmissjoni u l-iskambju ta' informazzjoni (l-Artikolu 7), il-karatteristiċi tal-oqfsa tal-ġbir ta' kampjuni (l-Artikolu 11) u r-rappurtaġġ tal-kwalità (l-Artikolu 12). Ir-rekwiżiti li jirrelataw mar-rappurtaġġ tal-kwalità huma skont ir-Regolament (KE) Nru 223/2009, li jipprovdi qafas ta' referenza u jirrikjedi li l-Istati Membri jikkonformaw mal-prinċipji tal-istatistika u l-kriterji ta' kwalità speċifikati f'dak ir-Regolament.

Din il-proposta tippermetti u tippromwovi l-użu ta' forom ġodda ta' ġbir ta' dejta u ta' sorsi alternattivi ta' dejta, inkluż dejta amministrattiva u stimi miksuba mill-immudellar u dejta kbira (l-Artikolu 8). Din tirrikjedi wkoll li l-Istati Membri jużaw oqfsa għall-ġbir ta' kampjuni ta' kwalità għolja (l-Artikolu 11).

Il-proposta tkopri numru ta' aspetti oħra importanti tal-modernizzazzjoni tal-istatistika soċjali Ewropea miġbura minn kampjuni.

– Din tintroduċi fattibilità rappreżentattiva u studji pilota, sabiex tittejjeb il-kwalità tal-istatistika u jingħata appoġġ lill-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' metodi ġodda (l-Artikolu 13).

– Din tinkludi dispożizzjonijiet għal appoġġ finanzjarju li jista' jiġi offrut lil Stati Membri taħt ċerti kundizzjonijiet (l-Artikolu 14).

– Din tinkludi dispożizzjonijiet għal derogi li jistgħu jingħataw li i) jippermettu lill-Istati Membri aktar żmien biex jadattaw għar-rekwiżiti l-ġodda, fejn dan ikun meħtieġ u ii) jippermettu ċerta varjazzjoni għal kif jiġu applikati l-metodi komuni, filwaqt li jibqgħu jiġu żgurati l-kwalità u kumparabilità tal-istatistika prodotta (l-Artikolu 17).

Barra minn hekk, ir-Regolament jinkludi d-dispożizzjonijiet meħtieġa dwar l-eżerċizzju tad-delegazzjoni tas-setgħa (l-Artikolu 15), li jispeċifikaw li dan huwa skont il-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016[20].

L-aħħar Artikoli jirreferu għall-proċedura tal-Kumitat (l-Artikolu 16) u għar-revoka ta' żewġ Regolamenti eżistenti li se jkunu sostitwiti bis-sħiħ mir-Regolament il-ġdid (l-Artikolu 18).

Il-ħames Annessi jistabbilixxu l-informazzjoni dettaljata dwar is-suġġetti li għandhom ikunu koperti, ir-rekwiżiti ta' preċiżjoni, il-karatteristiċi tad-dejta, il-perjodiċità u l-iskadenzi għat-trażmissjoni tad-dejta.

20 [20]ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

2016/0264 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jistabbilixxi qafas komuni għall-istatistika Ewropea relatata ma' persuni u unitajiet domestiċi, abbażi ta' dejta fuq livell individwali miġbura minn kampjuni.

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 338(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Fil-kuntest tal-Istrateġija Ewropa 2020[21] u t-tisħiħ tal-governanza ekonomika, l-indikaturi soċjali għandhom rwol essenzjali li jinfurmaw u jappoġġjaw il-prijoritajiet ewlenin tal-Unjoni għat-tkabbir u l-ħolqien ta' impjieg, it-tnaqqis tal-faqar u tal-esklużjoni soċjali, il-kapaċitajiet, il-mobilità u l-ekonomija diġitali. B'mod partikolari, l-indikaturi soċjali jridu jipprovdu bażi statistika soda għall-iżvilupp u l-monitoraġġ tal-politiki introdotti mill-Unjoni biex jiġu indirizzati dawk il-prijoritajiet.

(2) Minħabba dan, l-indikaturi soċjali għandhom ikunu tal-kwalità għolja meħtieġa, b'mod partikolari f'termini tas-sodezza tagħhom, il-puntwalità tagħhom, ir-rilevanza tagħhom, l-adattabilità tagħhom għal talbiet ta' utenti ġodda, kif ukoll il-kumparabilità u l-effiċjenza tagħhom.

(3) Statistika Ewropea marbuta ma' persuni u unitajiet domestiċi bħalissa tinġabar fuq il-bażi ta' numru ta' atti leġiżlattivi li jkopru stħarriġ dwar persuni u unitajiet domestiċi, statistika demografika, ċensimenti dwar il-popolazzjoni u d-djar, u statistika miġbura l-aktar minn sorsi amministrattivi. Xi dejta tinġabar ukoll minn stħarriġ tan-negozji. Minkejja titjib sinifikanti f'dawn l-aħħar snin hemm bżonn li nkomplu nintegraw il-ġbir ta' statistika abbażi ta' stħarriġ imwettaq ma' persuni u unitajiet domestiċi.

(4) Il-possibilità li jintużaw sorsi amministrattivi għal skopijiet statistiċi twessgħet b'mod sinifikanti, bis-saħħa ta' avvanzi teknoloġiċi. L-użu ta' sorsi amministrattivi għandu jkun promoss b'mod attiv fil-qasam tal-istatistika soċjali, filwaqt li dejjem jiġu żgurati l-kwalità, l-eżattezza, il-prontezza u l-kumparabilità ta' dik l-istatistika.

---

21 Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni - EWROPA 2020 Strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv KUMM(2010) 2020 tat-3 ta' Marzu 2010.

(5) Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-Metodu ta' Produzzjoni tal-Istatistika tal-UE: Viżjoni għad-Deċennju li Jmiss[22] enfasizzat l-użu dejjem jiżdied ta' sorsi differenti ta' dejta u metodi innovattivi ta' ġbir ta' dejta kif ukoll l-importanza dejjem akbar li jiġu armonizzati kunċetti u metodi statistiċi fl-oqsma kollha. Din sejħet għal ġenerazzjoni ġdida ta' leġiżlazzjoni statistika li tista' tindirizza oqsma usa'.

(6) Fl-2011, f'Wiesbaden, is-Sistema Ewropea tal-Istatistika (ESS) approvat il-Memorandum tagħha dwar Disinn Kunċettwali Ġdid għall-Istatistika dwar l-Unitajiet Domestiċi u l-Istatistika Soċjali. Fl-opinjoni tagħha, l-istħarriġ Ewropew li jipprovdi dejta marbuta ma' persuni u unitajiet domestiċi għandu jkun simplifikat, u ġabriet addizzjonali anqas frekwenti ta' mikrodejta għandhom jintużaw biex jikkomplementaw dak l-istħarriġ soċjali ewlieni. Barra minn hekk, għandu jkun hemm aċċess aħjar għal dejta amministrattiva, u l-użu mill-ġdid ta' sorsi ta' dejta eżistenti u għandu jkun żviluppat aċċess għal sorsi ta' dejta ġodda fil-livell nazzjonali u tal-UE.

(7) L-iżviluppi deskritti hawn fuq għandhom jiġu simplifikati b'mod gradwali, u l-leġiżlazzjoni statistika fil-qasam tal-istatistika soċjali trid tiġi modernizzata, sabiex ikun żgurat li l-indikaturi soċjali ta' kwalità għolja jiġi prodotti b'mod aktar integrat, flessibbli u effiċjenti. Fl-istess ħin, trid tingħata attenzjoni partikolari lill-ħtiġijiet tal-utenti, lill-piż fuq ir-rispondenti, lir-riżorsi tal-Istati Membri, lill-affidabbiltà u l-preċiżjoni tal-metodi użati, il-fattibbiltà teknika tal-produzzjoni tal-istatistika, iż-żmien li fih tista' tkun disponibbli u l-affidabilità tar-riżultati.

(8) Dan ir-Regolament jistabbilixxi qafas għall-istatistika Ewropea relatata ma' persuni u unitajiet domestiċi abbażi ta' dejta fuq livell individwali miġbura minn kampjuni. Dan jispeċifika d-dejta u l-informazzjoni li għandhom jinġabru u jiġu sottomessi mill-Istati Membri, u jinkludi r-rekwiżiti ta' kwalità fundamentali li għandha tissodisfa d-dejta. Dan jipprovdi għal speċifikazzjonijiet tekniċi aktar dettaljati li għandhom jingħataw f'atti delegati u miżuri ta' implimentazzjoni. Dan jippermetti li l-ġabriet ta' dejta differenti jiġu integrati flimkien u mal-użu ta' dejta amministrattiva, filwaqt li l-leġiżlazzjoni eżistenti tiġi konsolidata u simplifikata.

(9) Sabiex jiġi simplifikat u razzjonalizzat aħjar il-qafas ta' referenza għal statistika soċjali Ewropea miġbura minn kampjuni, statistika Ewropea eżistenti dwar persuni u unitajiet domestiċi bbażata fuq dejta fuq livell individwali għandha tingħaqad flimkien taħt qafas wieħed. Dan jiggarantixxi li l-istatistika soċjali Ewropea miġbura minn kampjuni, inklużi l-oqsma tas-suq tax-xogħol, tal-kundizzjonijiet tad-dħul u tal-għajxien, tas-saħħa, tal-edukazzjoni u t-taħriġ u tal-użu ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni sseħħ b'mod konsistenti, koerenti u koordinat.

(10) Bħalissa l-ġabriet ta' dejta fl-oqsma tal-użu tal-ħin u tal-konsum qed jitwettqu b'mod volontarju minn diversi Stati Membri, fuq il-bażi ta' linji gwida ġenerali miftiehma. Dawn iż-żewġ oqsma għandhom ikunu modernizzati, sabiex jittieħed vantaġġ sħiħ mill-avvanzi teknoloġiċi ġodda. Il-ġabriet ta' dejta f'dawn iż-żewġ oqsma għandhom ikunu organizzati skont dan ir-Regolament sabiex jinfetħu possibilitajiet u jinħolqu opportunitajiet għal aktar żviluppi fil-futur, biex ikun żgurat li d-dejta tkun aktar puntwali u rilevanti, u li tiġi prodotta b'mod aktar effiċjenti. Sadanittant, l-approċċi attwali tal-Istati Membri m'għandhomx jinbidlu.

[22] KUMM (2009) 404 tal-10.8.2009.

(11) Minħabba l-karatteristiċi speċifiċi tagħhom, l-istatistika demografika[23], ċensimenti tal-popolazzjoni u tad-djar[24], stħarriġ tan-negozji u statistika bbażata l-aktar fuq sorsi amministrattivi mhumiex koperti minn dan ir-Regolament u għandhom ikunu rregolati separatament minn oqfsa speċifiċi li huma adattati għall-karatteristiċi tagħhom.

(12) L-istatistika m'għadhiex meqjusa bħala sors wieħed minn ħafna sorsi ta' informazzjoni għal skopijiet ta' tfassil ta' politika, iżda din għandha rwol ċentrali fil-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet. It-teħid ta' deċiżjonijiet ibbażat fuq l-evidenza jirrikjedi statistika li tissodisfa kriterji ta' kwalità għolja, kif stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[25], skont l-iskopijiet li qed iservu.

(13) Dejta soċjali ta' kwalità għolja mhix meħtieġa għal skopijiet ta' politika biss, iżda wkoll għal riċerka u bħala komponent ta' infrastruttura ta' informazzjoni soda. Riċerkaturi li jiksbu aċċess għal mikrodejta għal skopijiet xjentifiċi, mogħti fuq il-bażi tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 557/2013[26] dwar l-Istatistika Ewropea fir-rigward tal-aċċess għal dejta kunfidenzjali għal skopijiet xjentifiċi, jistgħu jibbenefikaw bil-kbir jekk ikollhom settijiet ta' dejta statistiċi b'rabtiet aħjar, li minn naħa tagħhom jistgħu jtejbu l-istudji tal-valutazzjoni tal-impatt tal-politika.

(14) Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 jipprovdi qafas ta' referenza għall-istatistika Ewropea u jirrikjedi li l-Istati Membri jikkonformaw mal-prinċipji tal-istatistika u l-kriterji ta' kwalità speċifikati fir-Regolament. Rapporti dwar il-kwalità huma essenzjali għall-valutazzjoni, it-titjib u l-komunikazzjoni dwar il-kwalità tal-istatistika Ewropea. Il-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika (ESSC) approva Standard tal-ESS għall-Istruttura tar-Rapporti ta' Kwalità, skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 223/2009. Dan għandu jikkontribwixxi għall-armonizzazzjoni ta' rappurtaġġ ta' kwalità taħt dan ir-Regolament.

(15) Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 jinkludi regoli dwar it-trażmissjoni ta' dejta mill-Istati Membri, inkluż it-trażmissjoni ta' dejta kunfidenzjali. Miżuri li jittieħdu skont dan ir-Regolament għandhom jiżguraw li dejta kunfidenzjali hi protetta, u li ma jsir l-ebda żvelar illegali jew użu mhux statistiku tad-dejta matul il-produzzjoni u t-tqassim ta' statistika Ewropea.

(16) L-istatistika hi meħtieġa f'livell nazzjonali u reġjonali wkoll. Skont ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003[27], l-istatistika kollha tal-Istati Membri li tiġi trażmessa lill-

---

[23] Ir-Regolament (UE) Nru 1260/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2013 dwar statistika demografika Ewropea (ĠU L 330, 10.12.2013, p. 39).

[24] Ir-Regolament (KE) 763/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar iċ-ċensimenti tal-popolazzjoni u tad-djar (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 14).

[25] Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolament (Euratom, KE) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trażmissjoni ta' data suġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom li tistabbilixxi Kumitat dwar il-Programmi tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164).

[26] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 557/2013 tas-17 ta' Ġunju 2013 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Istatistika Ewropea fir-rigward tal-aċċess għal data kunfidenzjali għal għanijiet xjentifiċi u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 831/2002

[27] Ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS) (ĠU L 154, 21.6.2003, p. 1).

Kummissjoni u li ser tiġi analizzata skont unitajiet territorjali għandha tuża l-klassifikazzjoni NUTS. Għaldaqstant, sabiex tiġi stabbilita statistika reġjonali kumparabbli, id-dejta dwar l-unitajiet territorjali għandha tkun ipprovduta skont il-klassifika NUTS.

(17) Sabiex jiġu kkunsidrati l-iżviluppi ekonomiċi, soċjali u tekniċi, is-setgħa tal-adozzjoni ta' atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tkun delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tas-suġġetti dettaljati stabbiliti fl-Anness I. Il-Kummissjoni għandu jkollha wkoll is-setgħa li tistabbilixxi jew tadatta l-pjan kontinwu pluriennali fuq tmien snin għall-ġbir ta' dejta koperta minn dan ir-Regolament skont il-perjodiċità speċifikata fl-Anness IV. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż f'livell espert, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu skont il-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

(18) Sabiex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, is-setgħat ta' implimentazzjoni għandhom jingħataw lill-Kummissjoni fir-rigward tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi dwar is-settijiet ta' dejta partikolari, l-oġġetti tekniċi meta dawn ikunu komuni għal diversi settijiet ta' dejta, l-istandards tekniċi meħtieġa biex ikun faċilitat l-iskambju u l-qsim ta' informazzjoni bejn il-Kummissjoni (Eurostat) u l-Istati Membri, l-oqfsa ta' ġbir ta' kampjuni, l-aktar li jiġu stabbiliti r-rekwiżiti minimi tagħhom, it-termini u l-kontenut tar-rapporti ta' kwalità, u fir-rigward ta' kwalunkwe deroga. Dawk is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011[28].

(19) L-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament tista' tirrikjedi adattamenti maġġuri għas-sistemi ta' statistika nazzjonali, u għalhekk il-Kummissjoni tista' tagħti derogi lill-Istati Membri.

(20) Id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[29] u r-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[30] għandhom japplikaw għad-dejta statistika koperta minn dan ir-Regolament.. B'mod partikolari, dejta statistika meħtieġa għall-iżvilupp u l-monitoraġġ ta' azzjonijiet u strateġiji tal-Unjoni u nazzjonali fl-oqsma tas-saħħa pubblika u s-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol għandha titqies bħala dejta pproċessata għal raġunijiet ta' interess pubbliku sostanzjali.

(21) L-għan ta' dan ir-Regolament, l-aktar it-twaqqif ta' qafas komuni għall-istatistika Ewropea relatata ma' persuni u unitajiet domestiċi, abbażi ta' dejta f'livell individwali miġbura minn kampjuni, ma jistax jintlaħaq biżżejjed mill-Istati Membri, iżda

---

28 Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

29 Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 95/46/KE tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31).

30 Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-movement liberu ta' dak id-data (ĠU L 8, 12.1.2001, p.1).

minflok, għal raġunijiet ta' armonizzazzjoni u kumparabilità, jista' jintlaħaq aħjar fil-livell tal-UE. Għalhekk, l-UE tista' tadotta miżuri, b'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jinkiseb dak l-objettiv.

(22) L-istatistika soċjali Ewropea miġbura minn kampjuni u l-proċess ta' ġbir ta' dejta għandhom isiru aktar effiċjenti u rilevanti. Għandhom ikunu żgurati l-kumparabilità u l-koerenza tad-dejta tul iż-żmien. L-istatistika Ewropea dwar persuni u unitajiet domestiċi abbażi ta' dejta fil-livell individwali miġbura minn kampjuni bħalissa hija rregolata f'għadd ta' atti leġiżlattivi separati li għandhom ikunu sostitwiti minn dan ir-Regolament. Għalhekk hu meħtieġ li jitħassru r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98[31] u r-Regolament (KE) Nru 1177/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[32].

(23) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat.

(24) Il-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika ġie kkonsultat,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi qafas komuni għall-istatistika Ewropea relatata ma' persuni u unitajiet domestiċi, abbażi ta' dejta fuq livell individwali miġbura minn kampjuni ta' dawk il-persuni u unitajiet domestiċi.

2. Ir-Regolament ma japplikax għal ċensimenti dwar il-popolazzjoni u d-djar li hemm referenza għalihom fir-Regolament (KE) Nru 763/2008[33].

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "dejta jew mikrodejta kkontrollata minn qabel" tfisser dejta u mikrodejta verifikata mill-Istati Membri, abbażi ta' regoli ta' validazzjoni komuni miftiehma;

(b) "qasam" tfisser sett ta' dejta jew diversi settijiet organizzati sabiex jiġu koperti suġġetti partikolari;

(c) "unità ta' osservazzjoni" tfisser entità li tista' tiġi identifikata li dwarha tista' tinkiseb dejta;

---

[31] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 tad-9 ta' Marzu 1998 dwar l-organizzazzjoni ta' stħarriġ ta' kampjuni tal-forza tax-xogħol fil-Komunità (ĠU L 77, 14.3.1998, p. 3).

[32] Ir-Regolament (KE) Nru 1177/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ġunju 2003 jirrigwarda l-istatistika Komunitarja dwar l-introjtu u l-kondizzjonijiet tal-għixien (UE-SILC) (ĠU L 165, 3.7.2003, p. 1).

[33] Regolament (KE) 763/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar iċ-ċensimenti tal-popolazzjoni u tad-djar (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 14).

(d) “suġġett” tfisser il-kontenut tal-informazzjoni li għandha tinġabar dwar l-unitajiet ta’ osservazzjoni, kull suġġett ikopri numru ta’ suġġetti dettaljati;

(e) “rekords amministrattivi” tfisser dejta ġġenerata minn sors mhux statistiku, ġeneralment entità pubblika, li m’għandux l-għan li jipprovdi statistika, għall-iskopijiet tiegħu stess;

(f) “suġġett *ad hoc*” tfisser temi li huma ta’ interess partikolari għall-utenti f’punt speċifiku fiż-żmien, imma li mhumiex inklużi fis-settijiet ta’ dejta regolari. ;

(g) “indikatur primarju” tfisser informazzjoni użata b’mod ġenerali li sservi għall-monitoraġġ ta’ objettiv ċentrali tal-politika tal-UE.

Artikolu 3

Settijiet ta’ dejta

1. Il-ġbir ta’ dejta li hemm referenza għalih fl-Artikolu 1 għandu jkun organizzat fl-oqsma li ġejjin:

(a) is-suq tax-xogħol,

(b) id-dħul u l-kundizzjonijiet tal-għajxien,

(c) is-saħħa,

(d) l-edukazzjoni u t-taħriġ,

(e) l-użu tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni,

(f) l-użu tal-ħin,

(g) il-konsum.

2. Is-settijiet tad-dejta għandhom ikopru suġġetti komuni għall-oqsma kollha kif ukoll is-suġġetti speċifiċi li ġejjin, kif spjegat aktar fid-dettall fl-Anness I:

(a) il-karatteristiċi tal-persuni u tal-unitajiet domestiċi,

(b) is-sehem fis-suq tax-xogħol,

(c) iż-żamma tax-xogħol u esperjenza ta’ xogħol preċedenti,

(d) il-kundizzjonijiet tax-xogħol inkluż sigħat tax-xogħol u arranġamenti tal-ħinijiet tax-xogħol,

(e) il-kisba u l-isfond edukattivi,

(f) il-parteċipazzjoni fl-edukazzjoni u t-taħriġ,

(g) is-saħħa: l-istatus u diżabilità, kura u determinanti,

(h) id-dħul, il-konsum u l-ġid, inkluż id-dejn,

(i) il-kundizzjonijiet tal-għajxien, inkluż privazzjoni materjali, abitazzjoni, l-ambjent tal-għajxien u l-aċċess għas-servizzi,

(j) il-kwalità tal-ħajja, inkluż il-parteċipazzjoni u l-benesseri soċjali u kulturali,

(k) l-allokazzjoni tal-ħin, u

(l) l-parteċipazzjoni fis-soċjetà tal-informatika.

3. Ir-rekwiżiti ta’ preċiżjoni u l-karatteristiċi tal-kampjuni li jintużaw għall-oqsma differenti għandhom ikunu kif speċifikati fl-Annessi II u III rispettivament.

4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 15 sabiex temenda s-suġġetti dettaljati elenkati fl-Anness I sabiex ikunu riflessi l-iżviluppi tekniċi, soċjali u ekonomiċi rilevanti u tirrispondi għall-ħtiġijiet ġodda tal-utenti. Fl-eżerċizzju ta’ din is-setgħa, il-Kummissjoni għandha tiżgura li:

(a) tali atti delegati ma jimponux piż jew spiża sinifikanti addizzjonali fuq l-Istati Membri jew fuq ir-rispondenti;

(b) mhux aktar minn 20 fil-mija tas-suġġetti dettaljati elenkati fl-Anness I jinbidlu għal kull qasam permezz ta’ atti delegati. Għall-oqsma li għalihom tinġabar id-dejta b’perjodiċità infra-annwali jew annwali, dawn il-bidliet għandhom jirrappreżentaw massimu ta’ 10 fil-mija tal-lista ta’ suġġetti dettaljati. Dawk il-perċentwali massimi għandhom japplikaw għal erba’ snin konsekuttivi. L-għadd ta’ suġġetti dettaljati li jistgħu jinbidlu għandhom jitqarrbu għall-eqreb valur sħiħ.

Artikolu 4

Ippjanar kontinwu pluriennali

1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 15 biex tistabbilixxi jew tadotta pjan kontinwu pluriennali għal tmien snin għall-ġbir ta’ dejta koperta minn dan ir-Regolament, skont il-perjodiċità speċifikata fl-Anness IV. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li dawn l-atti delegati ma jimponux piż jew spiża addizzjonali sinifikanti fuq l-Istati Membri jew fuq ir-rispondenti.

2. Dan il-pjan kontinwu pluriennali għandu jispeċifika l-perjodu li matulu tinġabar id-dejta:

(a) għas-suġġetti dettaljati marbuta mal-oqsma,

(b) suġġetti *ad hoc* mitluba mill-utenti, għall-oqsma tas-suq tax-xogħol u d-dħul u l-kundizzjonijiet tal-għajxien, kif stabbilit fl-Anness IV. F’każijiet eċċezzjonali u ġustifikati, din id-dejta tista’ tkopri suġġetti dettaljati oħra apparti dawk elenkati fl-Anness I.

3. L-adattamenti tal-ippjanar imsemmi fil-paragrafu 1 għandhom isiru mhux aktar tard mill-24 sahar qabel il-bidu ta’ kull perjodu ta’ ġbir ta’ dejta, kif speċifikat fl-ippjanar. Dawn l-adattamenti għandhom jimmiraw biex jiżguraw l-effettività u l-konsistenza tal-ippjanar mal-ħtiġijiet tal-utenti.

Artikolu 5

Popolazzjonijiet statistiċi u unitajiet ta’ osservazzjoni

1. Il-popolazzjoni statistika għandha tikkonsisti mill-persuni kollha li ġeneralment jgħixu f'unitajiet domestiċi privati f’kull Stat Membru.

2. Il-ġbir ta’ dejta għandu jitwettaq f’kull Stat Membru għal kampjun ta’ unitajiet ta’ osservazzjoni magħmula minn unitajiet domestiċi privati jew minn persuni li jappartjenu għal unitajiet domestiċi privati li ġeneralment jgħixu f’dak l-Istat Membru.

Artikolu 6

Speċifikazzjonijiet tekniċi tas-settijiet tad-dejta

1. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni għall-iskop li jiġu speċifikati s-suġġetti tekniċi li ġejjin tas-settijiet tad-dejta individwali:

   (a) in-numru u d-deskrizzjoni ta' varjabbli;

   (b) il-klassifikazzjonijiet statistiċi;

   (c) il-karatteristiċi preċiżi tal-popolazzjonijiet statistiċi, l-unitajiet ta' osservazzjoni u r-rispondenti;

   (d) il-perjodi ta' referenza u dati;

   (e) ir-rekwiżiti relatati mal-kopertura ġeografika, karatteristiċi tal-kampjun li jinkludu subkampjunar, aspetti tekniċi tal-field work, editjar u imputazzjoni, ponderazzjoni, stima u stima tal-varjanza;

   (f) fejn ikun meħtieġ biex jintlaħaq livell għoli ta' kumparabilità għal dejta dwar l-impjieg u dwar il-qgħad fil-qasam tas-suq tax-xogħol, il-metodoloġija biex tinġabar id-dejta. Dan jista' jinkludi, fejn meħtieġ, l-ordni u t-tqegħid tal-mistoqsijiet fil-kwestjonarju. Din il-ħtieġa għandha tkun debitament ġustifikata.

2. Meta s-suġġetti jkunu komuni għal diversi settijiet ta' dejta, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni għall-iskop li jiġu speċifikati l-karatteristiċi tekniċi li ġejjin tas-settijiet tad-dejta:

   (a) il-lista u d-deskrizzjoni ta' varjabbli;

   (b) il-klassifikazzjonijiet statistiċi;

   (c) il-karatteristiċi preċiżi tal-popolazzjonijiet statistiċi u tal-unitajiet tal-osservazzjoni.

3. Għas-settijiet tad-dejta dwar il-qgħad mensili li jirrelataw mal-qasam tas-suq tax-xogħol, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni għall-iskop li jiġu deskritti l-varjabbli u t-tul, ir-rekwiżiti tal-kwalità u l-livell ta' dettall tas-serje tal-ħin li għandhom ikunu trażmessi.

4. Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 16(2).

Artikolu 7

L-istandards għat-trażmissjoni u l-iskambju tal-informazzjoni

1. L-istandards tekniċi għandhom jiġu stabbiliti biex ikunu faċilitati l-iskambju u l-qsim tal-informazzjoni bejn il-Kummissjoni (Eurostat) u l-Istati Membri, b'mod partikolari għall-iskop li jingħata appoġġ lill-ġestjoni tal-kwalità u d-dokumentazzjoni tal-proċess relatati mal-istatistika koperta minn dan ir-Regolament.

2. L-istandards tekniċi għandhom ikopru kunċetti, proċessi u prodotti statistiċi, inkluż dejta u metadejta.

3. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni biex ikunu stabbiliti l-istandards tekniċi li hemm referenza għalihom fil-paragrafu 1.

Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 16(2).

Artikolu 8

Sorsi ta' dejta u metodi

1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu d-dejta msemmija fl-Artikolu 1 billi jużaw wieħed jew diversi minn dawn is-sorsi li ġejjin, sakemm dawn jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-kwalità mogħtija fl-Artikolu 12:

   (a) informazzjoni pprovduta direttament mir-rispondenti;

   (b) rekords amministrattivi u kwalunkwe sors ieħor, metodi jew approċċi innovattivi safejn dawn jippermettu għall-produzzjoni ta' dejta li hija kumparabbli u konformi mar-rekwiżiti speċifiċi applikabbli stipulati f'dan ir-Regolament.

2. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni (Eurostat) b'informazzjoni dettaljata dwar is-sorsi u l-metodi użati.

Artikolu 9

Perjodiċità tas-settijiet tad-dejta

Il-perjodiċità tas-settijiet tad-dejta għandha tkun kif speċifikat fl-Anness IV.

Artikolu 10

Trażmissjoni tad-dejta u skadenzi

1. L-iskadenzi għat-trażmissjoni se jkunu kif speċifikat fl-Anness V.

2. Għal kull sett ta' dejta, l-Istati Membri ser jittrażmettu lill-Kummissjoni (Eurostat) mikrodejta kkontrollata minn qabel mingħajr identifikazzjoni diretta.

3. Bħala eċċezzjoni għall-paragrafu 2, id-dejta aggregata kkontrollata minn qabel għandha tkun trażmessa għall-kumpilazzjoni ta' statistika mensili dwar il-qgħad.

4. L-Istati Membri għandhom jiġbru u jittrażmettu dejta skont dan ir-Regolament mill-2019.

Artikolu 11

Oqfsa tal-kampjunar

1. Id-dejta għandha tkun ibbażata fuq kampjuni rappreżentattivi meħuda minn oqfsa tal-kampjunar stabbiliti fil-livell nazzjonali li jippermettu li l-persuni jew l-unitajiet domestiċi jintgħażlu b'mod każwali, bi probabilità tal-għażla magħrufa. L-oqfsa tal-kampjunar għandu jkollhom l-għan li jkopru b'mod estensiv u esklużiv il-popolazzjoni ta' interess, u għandhom ikunu aġġornati b'mod regolari. Dawn għandhom jinkludu l-informazzjoni kollha meħtieġa għad-disinn tal-kampjun, bħall-informazzjoni meħtieġa għal skopijiet ta' stratifikazzjoni u biex jiġu kkuntattjati l-persuni jew l-unitajiet domestiċi. Il-qafas tal-kampjunar għandu jinkludi wkoll l-

informazzjoni meħtieġa sabiex l-individwi jintrabtu ma' rekords amministrattivi oħra, safejn dan ikun permess taħt ir-regoli għall-protezzjoni tad-dejta.

2. Meta dan il-qafas tal-kampjunar ma jkunx disponibbli fl-Istat Membru, għandhom jintużaw oqfsa tal-kampjunar oħra li jissodisfaw il-kriterji li ġejjin. Dawn l-oqfsa tal-kampjunar għandhom:

(a) jidentifikaw l-unitajiet tal-kampjuni, li jistgħu jkunu persuni, unitajiet domestiċi, abitazzjonijiet jew indirizzi;

(b) ikunu jistgħu jipprovdu l-probabilità tal-għażla;

(c) ikunu aġġornati regolarment.

3. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu kundizzjonijiet uniformi għall-oqfsa tal-kampjunar, l-aktar billi jistabbilixxu r-rekwiżiti minimi. Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 16(2).

Artikolu 12

Il-kwalità

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw il-kwalità tad-dejta u l-metadejta trażmessa.

2. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, il-kriterji ta' kwalità kif definiti fl-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009 għandhom japplikaw.

3. Il-Kummissjoni (Eurostat) għandha tivvaluta l-kwalità tal-metadejta dwar l-ispeċifikazzjonijiet, tad-dejta trażmessa u tal-oqfsa tal-kampjunar.

4. Għal dan l-għan, l-Istati Membri għandhom jittrażmettu, fir-rigward tad-dejta u tal-metadejta msemmija fl-Artikolu 10:

(a) metadejta li tiddeskrivi l-metodoloġija użata u kif intlaħqu l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi b'referenza għal dawk stabbiliti minn dan ir-Regolament;

(b) informazzjoni dwar konformità mar-rekwiżiti minimi għall-oqfsa tal-kampjunar użati, inkluż fl-iżvilupp u l-aġġornament tagħhom, kif stipulat minn dan ir-Regolament.

5. L-Istati Membri għandhom jittrażmettu l-metadejta u l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 4, tal-anqas fi żmien tliet xhur wara l-iskadenza għat-trażmissjoni tad-dejta u l-mikrodejta. Din l-informazzjoni addizzjonali għandha tingħata fil-forma ta' rapporti dwar il-kwalità li juru, b'mod partikolari, kif id-dejta u l-mikrodejta trażmessi, u l-metadejta u l-informazzjoni, jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-kwalità.

6. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni li jispeċifikaw il-modalitajiet u l-kontenut tar-rapporti dwar il-kwalità. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 16(2).

7. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni (Eurostat) malajr kemm jista' jkun dwar kwalunkwe informazzjoni rilevanti jew bidla fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament li jistgħu jinfluwenzaw il-kwalità tad-dejta trażmessa.

8. Fuq it-talba tal-Kummissjoni (Eurostat), l-Istati Membri għandhom jipprovdu l-informazzjoni addizzjonali meħtieġa biex tevalwa l-kwalità tal-informazzjoni statistika.

Artikolu 13

Studji ta' fattibilità u studji pilota

Sabiex jittejbu s-settijiet tad-dejta, il-Kummissjoni (Eurostat) għandha, fejn ikun meħtieġ, twaqqaf u l-Istati Membri għandhom jikkooperaw f'diversi studji ta' fattibilità u pilota, b'mod partikolari biex tittejjeb il-kwalità inkluż il-kumparabilità, bħala kontribut għall-modernizzazzjoni fl-oqsma tal-konsum u tal-użu tal-ħin, biex jiġu esplorati u implimentati mezzi ġodda għal titjib fil-kapaċità ta' rispons għall-ħtiġijiet tal-utenti, għal integrazzjoni aħjar tal-ġbir ta' dejta u l-użu ta' sorsi oħra ta' dejta, u biex il-ġbir ta' dejta fl-Istati Membri jsir aktar effiċjenti, b'kunsiderazzjoni għal-iżviluppi teknoloġiċi.

Artikolu 14

Finanzjament

1. Għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, l-Unjoni tista' tipprovdi għotjiet lill-istituti nazzjonali tal-istatistika u awtoritajiet nazzjonali oħra msemmija fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009, għal:

(a) l-iżvilupp u/jew l-implimentazzjoni tal-ġabriet ta' dejta jew tal-metodi tal-ġbir ta' dejta għal statistika soċjali, inkluż oqfsa tal-kampjunar, matul l-ewwel erba' snin tal-ġbir tas-settijiet tad-dejta;

(b) l-iżvilupp ta' metodoloġiji, inkluż l-istudji ta' fattibilità u pilota msemmija fl-Artikolu 13;

(c) il-ġbir ta' statistika fuq suġġett *ad hoc* meħtieġ mill-utenti kif stabbilit fl-Anness IV, settijiet ġodda jew riveduti ta' varjabbli u karatteristiċi implimentati għall-ewwel darba;

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għandha tingħata skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 99/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [34], l-Artikolu 16(1) (a) tar-Regolament (UE) Nru 1296/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[35], l-Artikolu 6 tar-

[34] Ir-Regolament (UE) Nru 99/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2013 dwar il-programm statistiku Ewropew tal-2013-2017 (ĠU L 39, 9.2.2013, p. 12).

[35] Ir-Regolament (UE) Nru 1296/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar Programm tal-Unjoni Ewropea għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali ("EaSI") u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 283/2010/UE li tistabbilixxi Faċilità Ewropea ta' Mikrofinanzjament Progress għall-impjiegi u l-inklużjoni soċjali (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 238)

Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[36], l-Artikolu 58 tar-Regolament 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[37], jew l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 282/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[38].

3. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni ma għandhiex teċċedi d-90% tal-ispejjeż eliġibbli

Artikolu 15

L-eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa tal-adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa tal-adozzjoni ta' atti ddelegati msemmija fl-Artikoli 3(4) u 4(1) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien mhux determinat minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: jekk jogħġbok daħħal id-data eżatta tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikoli 3(4) u 4(1) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa mogħtija speċifikata f'dik id-Deċiżjoni. Din għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fiha. M'għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att iddelegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma' tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016[39].

5. Malli tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifika dan simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

---

[36] Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

[37] Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

[38] Ir-Regolament (UE) Nru 282/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 dwar it-twaqqif tat-tielet Programm għal azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tas-saħħa (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1350/2007/KE (ĠU L 86, 21.3.2014, p. 1).

[39] ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

6. Att delegat adottat taħt l-Artikolu 3(4) u l-Artikolu 4(1) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk l-ebda oġġezzjoni ma tkun ġiet espressa jew min-naħa tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill it-tnejn ikunu informaw lill-Kummissjoni li ma kinux ser joġġezzjonaw. Dak il-perjodu jiġi estiż b'xahrejn b'inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 16

Proċedura tal-kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi megħjuna mill-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 223/2009. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Artikolu 17

Derogi

1. Jekk l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, jew il-miżuri ta' implimentazzjoni u atti delegati adottati taħtu, f'sistema statistika nazzjonali ta' Stat Membru tkun tinħtieġ adattamenti maġġuri, il-Kummissjoni tista' tagħti, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, deroga sa żmien ta' tliet snin. Deroga tista' tingħata biss jekk din ma tikkompromettix il-kumparabilità tad-dejta tal-Istati Membri li jirrelataw mal-indikaturi prinċipali, jew ixxekkel il-kalkolu tal-aggregati Ewropej meħtieġa f'waqthom u rappreżentattivi.

2. Meta fi tmiem ta' perjodu li fih tkun ingħatat deroga, din tkun għadha ġustifikata, il-Kummissjoni tista' tagħti deroga sussegwenti għal perjodu massimu ta' tliet snin, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni.

3. Meta l-uniku mezz li bih Stat Membru jkun jista' jipprovdi s-settijiet ta' dejta meħtieġa jkun bl-użu ta' metodi oħra differenti minn dawk stabbiliti f'dan ir-Regolament, jew fil-miżuri ta' implimentazzjoni u l-atti delegati adottati skontu, il-Kummissjoni tista' tawtorizza, b'mod eċċezzjonali, l-użu ta' dawn il-metodi għal perjodu massimu ta' ħames snin, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni.

4. Meta fi tmiem ta' perjodu li fih tkun ingħatat awtorizzazzjoni, din tkun għadha ġustifikata, il-Kummissjoni tista' tagħti awtorizzazzjoni sussegwenti għal perjodu massimu ta' ħames snin, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni.

5. Għall-iskopijiet tal-paragrafi 1 sa 4, l-Istat Membru għandu jissottometti talba ġustifikata kif dovut lill-Kummissjoni fi żmien tliet xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-att ikkonċernat, jew sitt xhur qabel it-tmiem tal-perjodu li għalih tkun ingħatat id-deroga jew l-awtorizzazzjoni attwali. Meta jagħmel talba għall-awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafi 3 u 4, l-Istat Membru kkonċernat għandu jiddeskrivi fid-dettall il-metodi użati u juri li dawn iwasslu għal riżultati kumparabbli.

6. Il-Kummissjoni għandha tadotta dawk l-atti ta' implimentazzjoni f'konformità mal-proċedura tal-eżami msemmija fl-Artikolu 16(2).

Artikolu 18

Tħassir

1. Ir-Regolamenti (KE) Nru 577/98 u (KE) Nru 1177/2003 għandhom jiġu mħassra b'seħħ mill-31 ta' Diċembru 2018. Ir-rekwiżiti stabbiliti f'dawn ir-Regolamenti li jikkonċernaw it-trażmissjoni ta' dejta u metadejta, inkluż ir-rapporti dwar il-kwalità, għandhom ikomplu japplikaw għall-perjodi ta' referenza qabel it-tħassir tagħhom.
2. Ir-referenzi għar-Regolamenti mħassra għandhom jinftehmu bħala referenzi għal dan ir-Regolament.

Artikolu 19

Dħul fis-seħħ

1. Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.
2. Dan għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2025 fir-rigward tal-oqsma stabbiliti taħt l-Artikolu 3(1)(f) u (g).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*

<u>DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA</u>

1. IL-QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva

1.2. Qasam/Oqsma ta' politika konċernat(i) fl-istruttura tal-ABM/ABB

1.3. Natura tal-proposta/inizjattiva

1.4. Objettiv(i)

1.5. Raġunijiet għall-proposta/inizjattiva

1.6. Durata u impatt finanzjarju

1.7. Il-mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli tal-monitoraġġ u tar-rappurtar

2.2. Sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni tal-frodi u l-irregolaritajiet

3. STIMA TAL-IMPATT FINANZJARJU TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

3.1. L-intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i

3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.2. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali

3.2.3. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

3.2.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali

3.2.5. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. IL-QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi qafas komuni għall-istatistika Ewropea relatata ma' persuni u unitajiet domestiċi, abbażi ta' dejta fuq livell individwali miġbura minn kampjuni.

1.2. Qasam/Oqsma ta' politika konċernat(i) fl-istruttura tal-ABM/ABB[40]

3403 – Il-produzzjoni ta' informazzjoni statistika

1.3. Natura tal-proposta/inizjattiva

☐ Il-proposta/inizjattiva hija marbuta ma' **azzjoni ġdida**

☐ Il-proposta/inizjattiva hija marbuta ma' **azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja**[41]

☐Il-proposta/inizjattiva hi marbuta **mal-estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

☒ Il-proposta/inizjattiva hija marbuta ma' **azzjoni ridiretta lejn azzjoni ġdida**

1.4. Objettiv(i)

1.4.1. L-objettiv(i) strateġiku/ċi pluriennali tal-Kummissjoni fil-mira tal-proposta/inizjattiva

L-iżvilupp u l-evalwazzjoni tal-politika fir-rigward tal-prijoritajiet politiċi tal-Kummissjoni, b'mod partikolari dawk li jirrelataw mal-impjiegi u t-tkabbir, is-suq diġitali, Unjoni Monetarja Ewropea (UME) aktar profonda u ġusta, il-migrazzjoni u l-mobilità, jirrikjedu għodda tajba analitika u ta' monitoraġġ. Barra minn hekk, il-prijoritajiet politiċi jikkorrispondu għal għadd ta' oqsma differenti fl-istatistika soċjali u ekonomika, u dan jeħtieġ li tkun żgurata koerenza akbar bejn is-sorsi tad-dejta. L-Istrateġija Ewropa 2020 tuża indikaturi biex tissorvelja l-miri ewlenin, bħall-promozzjoni tal-impjieg, it-titjib fil-livelli tal-edukazzjoni u l-promozzjoni ta' inklużjoni soċjali, l-aktar permezz ta' tnaqqis fil-faqar. Il-kalkolu ta' dawn l-indikaturi tinħtieġ informazzjoni statistika f'waqtha. Din l-informazzjoni statistika għandha tkun prodotta bl-aktar mod effiċjenti possibbli bl-użu ta' metodi moderni ta' ġbir u produzzjoni ta' dejta statistika. Il-proposta se żżid ukoll il-flessibilità biex jiġu indirizzati inizjattivi strateġiċi ta' livell għoli li jirrikjedu indikaturi.

1.4.2. Objettiv(i) speċifiku/ċi u l-attività/ajiet ABM/ABB konċernati

<u>Objettiv speċifiku Nru 1</u> Se jindirizza: i) il-frammentazzjoni attwali fil-produzzjoni ta' statistika soċjali Ewropea miġbura minn kampjuni; u ii) ir-riġidità tas-sistema attwali għall-ġbir ta' dejta għal statistika soċjali Ewropea miġbura minn kampjuni <u>Attività/ajiet ABM/ABB konċernata/i</u>

[40] ABM: ġestjoni bbażata fuq l-attività; ABB: baġitjar ibbażat fuq l-attività.
[41] Kif imsemmi fl-Artikolu 54(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

3403 – Il-produzzjoni ta’ informazzjoni statistika

1.4.3. Riżultat(i) u impatt(i) mistennija

Speċifika l-effetti li l-proposta/inizjattiva għandu jkollha fuq il-benefiċjarji/gruppi fil-mira.

Permezz tal-proposta l-istatistika soċjali Ewropea miġbura minn kampjuni ser tkun tista’ tiġi adattata aħjar għall-ħtiġijiet tas-soċjetà. Barra minn hekk, billi toffri metodi għall-promozzjoni ta’ koerenza fl-oqsma differenti, il-proposta ser tgħin lill-Eurostat biex jiżgura l-kwalità tal-istatistika soċjali Ewropea miġbura minn kampjuni. Din ser tiffaċilita wkoll l-użu ta’ għodod u metodi tal-istatistika innovattivi u ser tippermetti kooperazzjoni u koordinazzjoni aktar effiċjenti bejn l-istituti tal-istatistika nazzjonali u awtoritajiet nazzjonali oħra, skont ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 dwar l-istatistika Ewropea.

Din il-proposta ser toħloq spiża ta’ disinn ta’ darba għall-NSIs. Madankollu hu stmat li l-ispiża globali għall-implimentazzjoni ser tonqos, l-aktar minħabba tnaqqis fis-sensji u t-trikkib bejn il-ġbir tad-dejta differenti u l-użu mill-ġdid ta’ sistemi ta’ produzzjoni tal-istatistika. Skont kif jiġu implimentati l-metodi ta’ produzzjoni fil-livell nazzjonali, (pereżempju jekk jiġux adottati innovazzjonijiet teknoloġiċi u metodoloġiċi, jekk ikunx hemm aċċess imtejjeb għal reġistri amministrattivi), l-ispejjeż żejda fil-fażi tad-disinn inizjali tal-istħarriġ soċjali jistgħu jiġu bbilanċjati fil-parti l-kbira minn tnaqqis fl-ispejjeż fil-fażi tal-ġbir tad-dejta, li tirrappreżenta żewġ terzi tal-ispiża totali tal-produzzjoni statistika. Iż-żieda potenzjali fl-ispejjeż li tirriżulta mill-flessibilità miżjuda fil-ġbir tad-dejta tista' tiġi kkontrollata jekk, kif ippjanat, il-komponenti ewlenin tal-istħarriġ, li jiddeterminaw fil-parti l-kbira l-ispejjeż għall-NSIs, ikunu speċifikati fil-leġiżlazzjoni qafas.

Il-proposta tissodisfa l-objettivi ta’ simplifikazzjoni tal-programm REFIT, b’mod partikolari minħabba li din tissimplifika ħames Regolamenti f’qafas regolatorju uniku.

1.4.4. Indikaturi tar-riżultati u tal-impatt

Speċifika l-indikaturi tal-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.

Il-Kummissjoni (Eurostat) tipproduċi linji gwida statistiċi Ewropej komuni u tistabbilixxi rekwiżiti fuq ir-rappurtaġġ tal-kwalità li jirrelataw mal-iżvilupp, il-produzzjoni u t-tqassim tal-istatistika soċjali. Ir-rapporti dwar il-kwalità li l-Istati Membri għandhom jipproduċu għal kull ġabra ta’ dejta jridu jinkludu kontrolli speċifiċi rilevanti għal dik il-ġabra ta’ dejta. Dan għandu jiżgura l-kwalità tad-dejta statistika.

1.5. Raġunijiet għall-proposta/inizjattiva

1.5.1. Rekwiżiti li jridu jiġu ssodisfati fuq medda qasira jew medda twila ta’ żmien

Fuq terminu qasir sa medju: l-integrazzjoni tar-regolamenti eżistenti fil-qasam tal-istatistika soċjali Ewropea miġbura minn kampjuni; il-frammentazzjoni tal-proċessi ta’ produzzjoni użati għall-istatistika soċjali Ewropea miġbura minn kampjuni u titjib fil-flessibilità tal-ġbir tad-dejta bl-introduzzjoni ta’ leġiżlazzjoni fuq diversi livelli.

Għat-tul: jiġi żgurat li l-istatistika soċjali Ewropea miġbura minn kampjuni tkompli tipprovdi input prezzjuż għat-tfassil ta’ politika fil-livell tal-UE u nazzjonali; u tittejjeb l-effiċjenza tal-metodi użati għall-ġbir ta’ dejta statistika.

1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-UE

Il-ħidma tal-produzzjoni ta' statistika li hija (1) armonizzata u kumparabbli madwar l-Istati Membri, u (2) prodotta skont il-ħtiġijiet tal-UE, ma tistax tinkiseb fuq il-livell nazzjonali biss. Il-produzzjoni ta' statistika tal-UE hija possibbli biss jekk l-Istati Membri japplikaw metodoloġija armonizzata u jipproduċu statistika skont output komuni definit u karatteristiċi komuni. Dan jista' jinkiseb bis-sħiħ biss permezz ta' azzjoni tal-UE.

1.5.3. Tagħlimiet minn esperjenzi simili fil-passat

Ġew adottati diversi Regolamenti li jkopru oqsma differenti ta' statistika soċjali, u dan irriżulta f'inkonsistenzi u ineffiċjenzi fost il-ġabriet ta' dejta. Din hija l-ewwel darba li qed jiġi propost Regolament qafas li jkopri seba' oqsma ta' statistika soċjali. Din l-inizjattiva ser tissimplifika l-ħames bażijiet ġuridiċi attwali għal, rispettivament, l-Istħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol (LFS), l-Istatistika tal-UE dwar l-Introjtu u l-Kondizzjonijiet tal-Għajxien (EU-SILC), l-Istħarriġ dwar l-Edukazzjoni għall-Adulti (AES), l-Istħarriġ Ewropew dwar is-Saħħa permezz ta' Intervisti (EHIS), u l-Istħarriġ dwar l-użu tal-ICT fl-unitajiet domestiċi (ICT-HH). Dan se jipprovdi wkoll bażi ġuridika għaż-żewġ stħarriġiet soċjali Ewropej li qed jitwettqu bħalissa fuq il-bażi ta' ftehim informali: l-Istħarriġ tal-Baġit Domestiku (HBS) u l-Istħarriġ dwar l-Użu tal-Ħin Armonizzat Ewropew (HETUS).

1.5.4. Kompatibbiltà u sinerġija possibbli ma' strumenti oħra xierqa

Din il-proposta hija kompatibbli mar-Regolament (KE) Nru 223/2009 dwar l-istatistika Ewropea.

1.6. Durata u impatt finanzjarju

☐ Proposta/inizjattiva ta' **durata limitata**

– ☐ Proposta/inizjattiva b'effett minn [JJ/XX]SSSS sa [JJ/XX]SSSS

– ☐ Impatt finanzjarju mill-SSSS sal-SSSS

☒ Proposta/inizjattiva ta' **durata bla limitu**[42]**:**

– Hemm perjodu ta' introduzzjoni progressiva għall-implimentazzjoni tal-proposta li jdum seba' snin, mill-2019 sal-2025.

– Madankollu, il-programm għandu jkompli wara dan.

– Huma biss is-snin tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) attwali li ġew ikkunsidrati fid-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva (2019-2020).

It-tkomplija tal-finanzjament se jkun kundizzjonali, skont il-ftehim li jintlaħaq għall-QFP li jmiss, u għat-tkomplija tal-programmi speċifiċi li għalihom hu previst il-finanzjament.

1.7. Il-mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)[43]

☒ **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni

– ☒ mid-dipartimenti tagħha, inkluż il-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

– ☐ mill-aġenziji eżekuttivi

☐ **Ġestjoni konġunta** mal-Istati Membri

☐ **Ġestjoni indiretta** billi l-kompiti tal-implimentazzjoni baġitarja jiġu inkarigati lil:

– ☐ pajjiżi terzi jew il-korpi nnominati minnhom;

– ☐ organizzazzjonijiet internazzjonali u l-aġenziji tagħhom (għandhom jiġu speċifikati);

– ☐il-BEI u l-Fond Ewropew tal-Investiment;

– ☐ korpi msemmijin fl-Artikoli 208 u 209 tar-Regolament Finanzjarju;

– ☐ korpi tal-liġi pubblika;

– ☐ korpi regolati b'liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku dment li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ korpi regolati mil-liġi privata ta' Stat Membru li huma fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika privata u li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V tat-Trattat tal-UE u identifikati fl-att bażiku relevanti.

– *Jekk ikun indikat aktar minn mod ta'ġestjoni wieħed, agħti d-dettalji fit-taqsima "Kummenti".*

Kummenti

---

42 Intlaħaq ftehim bejn DĠ ESTAT u d-DĠ l-oħra kkonċernati dwar il-finanzjament tal-attivitajiet koperti minn din il-proposta fil-forma ta' sottodelegazzjoni li għandha tingħata lil DĠ ESTAT.

43 Id-dettalji tal-metodi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju huma disponibbli fis-sit BudgWeb: http://www.cc.cec/budg/man/budgmanag/budgmanag_en.html.

[…]
[…]

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli tal-monitoraġġ u tar-rappurtar

Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.

Diġà qed jiġi pprovdut rappurtaġġ ta' kwalità u fil-fond regolari dwar l-implimentazzjoni ta' kull ġabra ta' dejta statistika, skont regoli speċifiċi stabbiliti. Ir-rappurtaġġ ser jitkompla u jkompli jittejjeb taħt il-proposta l-ġdida.

Dawk li jirċievu l-għotjiet għandhom jibagħtu d-dejta miġbura u r-rapport ta' kwalità korrispondenti.

2.2. Sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll

2.2.1. Riskji identifikati

Minħabba li l-metodu ta' ġestjoni magħżul għall-proposta huwa ġestjoni diretta mill-Kummissjoni, ir-riskji inerenti ewlenin huma dawk relatati mal-ġestjoni tal-akkwist u tal-għotjiet.

2.2.2. Informazzjoni dwar l-istabbiliment tas-sistema ta' kontroll intern

Il-Kummissjoni (Eurostat) żviluppat strateġija ta' kontroll għall-perjodu 2013-2017. Il-miżuri u l-għodda inklużi f'din l-istrateġija huma applikabbli bis-sħiħ għall-ġbir ta' statistika taħt ir-regolament propost. It-tipi ta' bidliet introdotti mill-istrateġija jistgħu jnaqqsu l-probabilità ta' frodi u jikkontribwixxu għal prevenzjoni ta' frodi. Fost dawn hemm: tnaqqis fil-kumplessità, l-applikazzjoni ta' proċeduri ta' monitoraġġ kosteffettivi u t-twettiq ta' kontrolli *ex ante* u *ex post* ibbażati fuq ir-riskju. L-istrateġija tinkludi wkoll miżuri biex titqajjem il-kuxjenza u taħriġ dwar il-prevenzjoni ta' frodi.

2.2.3. Stima tal-kostijiet u tal-benefiċċji tal-kontrolli u valutazzjoni tal-livell mistenni tar-riskju ta' żbalji

Il-Kummissjoni (Eurostat) għandha strateġija ta' kontroll stabbilita li għandha l-għan, b'mod ġenerali, li tillimita r-riskju ta' nuqqas ta' konformità taħt il-kriterju ta' materjalità ta' 2%, skont l-objettivi dwar il-kontroll intern u l-ġestjoni tar-riskju stabbiliti fil-Pjan Strateġiku tagħha għall-2016-2020. 100% tat-tranżazzjonijiet finanzjarji (u għalhekk 100% tal-baġit) se jkunu suġġetti għal kontrolli ex ante obbligatorji skont ir-Regolament Finanzjarju. Barra minn hekk, ser jitwettqu kontrolli bbażati fuq analiżi fil-fond ta' dokumentazzjoni sottostanti fuq il-bażi ta' analiżi tar-riskju annwali. Dawn jistgħu jkopru bejn 4-6% tal-baġit totali mmaniġġjat minn Eurostat.

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni tal-frodi u l-irregolaritajiet

Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u ta' protezzjoni eżistenti jew previsti.

Fit-30 ta' Ottubru 2013, l-Eurostat adotta strateġija kontra l-frodi għall-2014-2017 skont l-istrateġija ta' kontra l-frodi tal-Kummissjoni tal-24 ta' Ġunju 2011 (CAFS). L-istrateġija kontra l-frodi tal-Eurostat tispeċifika tliet objettivi operazzjonali: i) it-tisħiħ ta' miżuri eżistenti kontra l-frodi; ii) integrazzjoni aħjar ta' proċeduri ta' kontra l-frodi fil-valutazzjoni tar-riskju u l-ġestjoni tar-riskju tal-Eurostat, u f'awditjar, ippjanar, rappurtaġġ u monitoraġġ; u iii) it-tisħiħ tal-kapaċitajiet u l-kuxjenza kontra l-frodi tal-Eurostat bħala parti mill-kultura ta' kontra l-frodi tal-Kummissjoni. L-istrateġija kontra l-frodi hi akkumpanjata minn pjan ta' azzjoni kontra l-frodi. Matul

il-perjodu tal-applikazzjoni tagħha, l-implimentazzjoni tal-istrateġija kontra l-frodi qed tiġi sorveljata darbtejn fis-sena b'rappurtaġġ li jingħata lill-maniġment.

L-Eurostat ser jevalwa l-impatt tal-istrateġija fl-2017 u ser jaġġorna l-istrateġija skont il-ħtieġa. Reviżjoni interim tal-pjan ta' azzjoni kontra l-frodi ser jitwettaq ukoll fl-2016.

Kemm ir-reviżjoni tal-istrateġija tal-Eurostat u r-reviżjoni tal-pjan ta' azzjoni ser jitwettqu fuq il-bażi tal-metodoloġija u l-gwida aġġornati maħruġa mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) fi Frar 2016.

Ir-riċevituri kollha potenzjali tal-għotjiet huma korpi pubbliċi (istituti tal-istatistika nazzjonali u awtoritajiet nazzjonali oħrajn, kif definit fir-Regolament (KE) Nru 223/2009). Barra minn hekk, l-għotjiet jingħataw mingħajr sejħa għall-proposti. Miżuri għall-monitoraġġ tal-ġestjoni tal-għotjiet huma mwaqqfa. Dawn jikkunsidraw il-proċeduri speċifiċi għall-għotjiet, u jinvolvu analiżi ex ante u ex post tal-ġestjoni tal-għotja.

L-użu ta' spejjeż għal kull unità u ta' somom f'daqqa, skont l-Artikolu 124(1) tar-Regolament Finanzjarju, inaqqas sostanzjalment ir-riskju ta' żbalji relatati mal-ġestjoni tal-għotjiet u b'hekk jissimplifika l-amministrazzjoni tagħhom.

3. STIMA TAL-IMPATT FINANZJARJU TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

3.1. L-intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i

- Linji baġitarji eżistenti

Fl-ordni tal-intestaturi u l-linji baġitarji tal-qafas finanzjarju pluriennali.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru [Intestatura……………………...………… …]	Diff./Mhux diff[44].	mill-pajjiżi tal-EFTA[45]	minn pajjiżi kandidati[46]	minn pajjiżi terzi	fis-sens tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju
1a	04.030201 – Ass. Prog.: EASI - Programm tal-Unjoni Ewropea għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali (EaSI)	Diff.	IVA	NRU	NRU	NRU
1a	09.040201- Tmexxija fit-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni (Ass. Prog.: ORIZZONT 2020 - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (Orizzont 2020)	Diff.	IVA	NRU	NRU	NRU
1a	29.020100 – Programmi Assoċjati: ESP - Programm statistiku Ewropew tal-2013-2017; ESP18_20 - Programm statistiku Ewropew (ESP) tal-2018-2020	Diff.	IVA	NRU	NRU	NRU
1	13.036501 – Ass. Prog.: FEŻR - Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR)	Diff.	NRU	NRU	NRU	NRU
1	13.046101 – Ass. Prog.: FK - Il-Fond ta' Koeżjoni (FK)	Diff.	NRU	NRU	NRU	NRU
3	17.030100 – Ass. Prog.: SAĦĦA - Azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tas-saħħa (Programm tas-Saħħa)	Diff.	IVA	IVA	IVA	NRU

44 Diff. = Approprjazzjonijiet differenzjati / Mhux diff. = Approprjazzjonijiet mhux differenzjati.
45 L-EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.
46 Pajjiżi kandidati u, fejn applikabbli, pajjiżi potenzjalment kandidati mill-Punent tal-Balkani.

3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

[Din it-taqsima għandha timtela bl-użu ta' **spreadsheet dwar id-dejta tal-baġit ta' natura amministrattiva** (it-tieni dokument fl-Anness ta' din id-dikjarazzjoni finanzjarja) u tittella' fuq is-CISNET għal skopijiet ta' konsultazzjoni bejn is-servizzi.]

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa

EUR miljuni (sa tliet postijiet deċimali)

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Numru	1a. Kompetittività għat-tkabbir u l-impjiegi

DĠ: ESTAT			Sena **2019**	Sena **2020**	**TOTALI**
• Approprjazzjonijiet operazzjonali					
Numru tal-linja baġitarja 29.020100	Impenji	(1)	5.298	4.648	**9.946**
	Pagamenti	(2)	2.649	4.444	**7.093**
Numru tal-linja baġitarja	Impenji	(1a)			
	Pagamenti	(2 a)			
Approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi[47]					
Numru tal-linja baġitarja		(3)			
TOTAL tal-approprjazzjonijiet għal DĠ ESTAT	Impenji	=1+1a +3	5.298	4.648	**9.946**
	Pagamenti	=2+2a +3	2.649	4.444	**7.093**

47 Għajnuna teknika u/jew amministrattiva u nefqa b'appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew azzjonijiet tal-UE (dawk li qabel kienu linji "BA"), riċerka indiretta u riċerka diretta.

DĠ: EMPL			Sena **2019**	Sena **2020**	**TOTALI**
• Approprjazzjonijiet operazzjonali					
Numru tal-linja baġitarja 04.030201	Impenji	(1)	3.194	2.695	**5.889**
	Pagamenti	(2)	1.597	2.625	**4.222**
Numru tal-linja baġitarja	Impenji	(1a)			
	Pagamenti	(2 a)			
Approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi[48]					
Numru tal-linja baġitarja		(3)			
TOTAL tal-approprjazzjonijiet għal DĠ EMPL	Impenji	=1+1a +3	3.194	2.695	**5.889**
	Pagamenti	=2+2a +3	1.597	2.625	**4.222**

DĠ: CONNECT			Sena **2019**	Sena **2020**	**TOTALI**
• Approprjazzjonijiet operazzjonali					
Numru tal-linja baġitarja 09.040201	Impenji	(1)	2.000	0.000	**2.000**
	Pagamenti	(2)	1.000	0.800	**1.800**

48 Għajnuna teknika u/jew amministrattiva u nefqa b'appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew azzjonijiet tal-UE (dawk li qabel kienu linji "BA"), riċerka indiretta u riċerka diretta.

Numru tal-linja baġitarja	Impenji	(1a)			
	Pagamenti	(2 a)			
Approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi[49]					
Numru tal-linja baġitarja		(3)			
TOTAL tal-approprjazzjonijiet DĠ CONNECT	Impenji	=1+1a +3	2.000	0.000	**2.000**
	Pagamenti	=2+2a +3	1.000	0.800	**1.800**

EUR miljuni (sa tliet postijiet deċimali)

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Numru	1. Tkabbir intelliġenti u inklużiv

DĠ: REGIO			Sena **2019**	Sena **2020**	**TOTALI**
• Approprjazzjonijiet operazzjonali					
Numru tal-linja baġitarja 13.036501	Impenji	(1)	0.466	0.466	**0.932**
	Pagamenti	(2)	0.233	0.419	**0.652**
Numru tal-linja baġitarja 13.046101	Impenji	(1a)	0.200	0.200	**0.400**
	Pagamenti	(2 a)	0.100	0.180	**0.280**
Approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi[50]					

49 Għajnuna teknika u/jew amministrattiva u nefqa b'appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew azzjonijiet tal-UE (dawk li qabel kienu linji "BA"), riċerka indiretta u riċerka diretta.

Numru tal-linja baġitarja		(3)			
TOTAL tal-approprjazzjonijiet għal DĠ REGIO	Impenji	=1+1a +3	0.666	0.666	**1.332**
	Pagamenti	=2+2a +3	0.333	0.599	**0.932**

• TOTAL tal-approprjazzjonijiet operazzjonali	Impenji	(4)	11.159	8.008	**19.167**
	Pagamenti	(5)	5.579	8.468	**14.047**
• TOTAL tal-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva finanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi		(6)			
TOTAL tal-approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURA 1 tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	=4+ 6	11.159	8.008	**19.167**
	Pagamenti	=5+ 6	5.579	8.468	**14.047**

Jekk tkun affettwata aktar minn intestatura waħda mill-proposta/inizjattiva:

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Numru	3. Sigurtà u Ċittadinanza

DĠ: SANTE			Sena **2019**	Sena **2020**	**TOTALI**

[50] Għajnuna teknika u/jew amministrattiva u nefqa b'appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew azzjonijiet tal-UE (dawk li qabel kienu linji "BA"), riċerka indiretta u riċerka diretta.

• Approprjazzjonijiet operazzjonali					
Numru tal-linja baġitarja 17.030100	Impenji	(1)	0.000	0.500	**0.500**
	Pagamenti	(2)	0.000	0.250	**0.250**
Numru tal-linja baġitarja	Impenji	(1a)			
	Pagamenti	(2 a)			
Approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi[51]					
Numru tal-linja baġitarja		(3)			
TOTAL tal-approprjazzjonijiet għal DĠ SANTE	Impenji	=1+1a +3	0.000	0.500	**0.500**
	Pagamenti	=2+2a +3	0.000	0.250	**0.250**

• TOTAL tal-approprjazzjonijiet operazzjonali	Impenji	(4)	0.000	0.500	**0.500**
	Pagamenti	(5)	0.000	0.250	**0.250**
• TOTAL tal-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva finanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi		(6)			
TOTAL tal-approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURA 3 tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	=4+ 6	0.000	0.500	**0.500**
	Pagamenti	=5+ 6	0.000	0.250	**0.250**

<u>Jekk tkun affettwata aktar minn intestatura waħda mill-proposta/inizjattiva:</u>

• TOTAL tal-approprjazzjonijiet operazzjonali	Impenji	(4)	11.159	8.508	**19.667**
	Pagamenti	(5)	5.579	8.718	**14.297**

[51] Għajnuna teknika u/jew amministrattiva u nefqa b'appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew azzjonijiet tal-UE (dawk li qabel kienu linji "BA"), riċerka indiretta u riċerka diretta.

• TOTAL tal-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva finanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi		(6)			
TOTAL tal-approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURI minn 1 sa 4 tal-qafas finanzjarju pluriennali (Ammont ta' referenza)	Impenji	=4+ 6	11.159	8.508	**19.667**
	Pagamenti	=5+ 6	5.579	8.718	**14.297**

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	5	"Nefqa amministrattiva"

EUR miljuni (sa tliet postijiet deċimali)

		Sena **2019**	Sena **2020**	**TOTALI**
DĠ: ESTAT				
• Riżorsi umani		4,164	4,164	**8.328**
• Nefqa amministrattiva oħra		0,404	0,414	**0.818**
TOTAL DĠ ESTAT	Approprjazzjonijiet	4,568	4,578	**9.146**

TOTAL tal-approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali	(Total tal-impenji = Total tal-pagamenti)	4,568	4,578	**9.146**

EUR miljuni (sa tliet postijiet deċimali)

		Sena **2019**	Sena **2020**	**TOTALI**
TOTAL tal-approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURI minn 1 sa 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	15.727	13.087	**28.814**
	Pagamenti	10.147	13.296	**23.443**

3.2.2. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali

- ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta’ approprjazzjonijiet operazzjonali
- ☒ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu tal-approprjazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet ta' impenn f’miljuni ta’ EUR (sa tliet pożizzjonijietdeċimali)

Indika l-objettivi u r-riżultati ⇩			Sena **2019**		Sena **2020**												**TOTALI**	
	RIŻULTATI																	
	Tip[52]	Spiża medja	Nru	Spiża	Nru	Spiża											Nru totali	Spiża totali
OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 1[53]…			L-indirizz tal-frammentazzjoni attwali fil-produzzjoni tal-istatistika soċjali Ewropea miġbura minn kampjuni fl-UE u tar-riġidità tas-sistema attwali ta’ ġbir ta’ dejta tagħha															
- Riżultat	Unità *ad hoc* LFS	0,067	30	2,000	30	2,000											60	4,000
- Riżultat	Modulu *ad hoc* tal-UE-SILC	0,017	30	0,500	0	0,000											30	0,500

52 Ir-riżultati huma l-prodotti u s-servizzi li għandhom jiġu pprovduti (pereżempju: l-għadd ta’ skambji ta’ studenti ffinanzjati, l-għadd ta’ kilometri ta’ toroq mibnija, eċċ.).

53 Kif deskritt fil-punt 1.4.2. “Objettiv(i) speċifiku(ċi)...”

- Riżultat	Implimentazzjoni ta’ ġbir ta’ dejta	0,096	60	5,650	30	3,000											90	8,650
- Riżultat	Studji metodoloġiċi u pilota	0,080	37	3,009	44	3,509											81	6,517
Subtotal tal-objettiv speċifiku Nru 1			157	11,159	104	8,509											261	19,667
OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 2 ...																		
- Riżultat																		
Subtotal tal-objettiv speċifiku Nru 2																		
SPEJJEŻ TOTALI			157	11,159	104	8,509											261	19,667

3.2.3. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

3.2.3.1. Sommarju

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

– ☒ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

EUR miljuni (sa tliet postijiet deċimali)

	Sena **2019**	Sena **2020**	**TOTALI**
INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali			
Riżorsi umani	4,164	4,164	**8,328**
Infiq amministrattiv ieħor	0,404	0,414	**0,818**
Subtotal INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali	4,568	4,578	**9,146**
Mhux fl-INTESTATURA 5[54] tal-qafas finanzjarju pluriennali			
Riżorsi umani			
Infiq Ieħor ta' natura amministrattiva			
Subtotal barra mill- **INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali**			
TOTALI	4,568	4,578	**9,146**

L-approprjazzjonijiet meħtieġa għar-riżorsi umani u għal infiq ieħor ta' natura amministrattiva se jiġu ssodisfati b'approprjazzjonijiet mid-DĠ li diġà jkunu assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew kienu ġew ridistribwiti fid-DĠ, flimkien, jekk dan ikun neċessarju, ma' xi allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ ta' ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tar-restrizzjonijiet baġitarji.

54 Għajnuna teknika u/jew amministrattiva u nefqa b'appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew azzjonijiet tal-UE (dawk li qabel kienu linji "BA"), riċerka indiretta u riċerka diretta.

3.2.3.2. Stima tar-riżorsi umani meħtieġa

– ☐ Il-proposta/inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta’ riżorsi umani.

– ☒ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta’ riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

L-istima trid tingħata f’unitajiet ekwivalenti għal full time

		Sena **2019**	Sena **2020**
29 01 01 01 (Kwartieri Ġenerali u l-Uffiċċji ta’ Rappreżentanza tal-Kummissjoni)		24,45	24,45
XX 01 01 02 (Delegazzjonijiet)			
XX 01 05 01 (Riċerka indiretta)			
10 01 05 01 (Riċerka diretta)			
29 01 02 01 (AC, END, INT mill-“pakkett globali”)		12	12
XX 01 02 02 (AC, AL, END, INT u JED fid-delegazzjonijiet)			
XX 01 04 **ss** [55]	- fil-Kwartieri Ġenerali		
	- fid-Delegazzjonijiet		
XX 01 05 02 (AC, END, INT - Riċerka indiretta)			
10 01 05 02 (AC, END, INT – Riċerka diretta)			
Linji baġitarji oħra (speċifika)			
TOTALI		**36,45**	**36,45**

XX huwa l-qasam ta’ politika jew it-titolu baġitarju konċernat.

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jiġu mill-persunal tad-DĠ li diġà jkun assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew ġew riallokat fid-DĠ, flimkien, jekk inhu meħtieġ ma’ kull allokazzjoni addizzjonali li tista’ tingħata lid-DĠ li jimmaniġġja skont il-proċedura annwali ta’ allokazzjoni u fid-dawl tar-restrizzjonijiet baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

Uffiċjali u persunal temporanju	Xogħol metodoloġiku għad-definizzjoni soda tal-istħarriġ, inklużi l-unitajiet *ad hoc* Xogħol tal-IT biex jirċievu, jivvalidaw u jipproċessaw id-dejta Analiżi tad-dejta, rilaxx tad-dejta u appoġġ lill-utent
Persunal estern	Xogħol metodoloġiku għad-definizzjoni soda tal-istħarriġ, inklużi l-unitajiet *ad hoc* Xogħol tal-IT biex jirċievu, jivvalidaw u jipproċessaw id-dejta

55 Sottolimitu massimu għall-persunal estern kopert mill-approprjazzjonijiet operazzjonali (eks linji “BA”).

3.2.4. *Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

– ☒ Il-proposta/l-inizjattiva hija kompatibbli mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali.

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva se tirrikjedi programmazzjoni mill-ġdid tal-intestatura rilevanti fil-qafas finanzjarju pluriennali.

Spjega liema riprogrammazzjoni hija meħtieġa, billi tispeċifika l-linji baġitarji konċernati u l-ammonti korrispondenti.

– ☐ Il-proposta/inizjattiva teħtieġ applikazzjoni tal-istrument ta’ flessibilità jew reviżjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali.

Spjega x’inhu meħtieġ, billi tispeċifika l-intestaturi u l-linji baġitarji konċernati u l-ammonti korrispondenti.

3.2.5. *Kontribuzzjonijiet ta’ partijiet terzi*

– Il-proposta/inizjattiva ma tipprevedix l-kofinanzjament minn partijiet terzi

– Il-proposta tipprevedi l-kofinanzjament stmat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet f’miljuni ta’ EUR (sa tliet postijiet deċimali)

	Sena **N**	Sena **N+1**	Sena **N+2**	Sena **N+3**	Daħħal snin daqskemm ikun meħtieġ sabiex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)			Totali
Speċifika l-korp ta’ kofinanzjament								
TOTAL ta’ approprjazzjonijiet kofinanzjati								

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

– ☒ Il-proposta/l-inizjattiva ma jkollha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:

– ☐ fuq ir-riżorsi proprji

– ☐ fuq id-dħul mixxellanju

EUR miljuni (sa tliet postijiet deċimali)

Linja baġitarja tad-dħul:	Approprjazzjonijiet disponibbli għas-sena finanzjarja kurrenti	L-impatt tal-proposta/inizjattiva[56]						
		Sena **N**	Sena **N+1**	Sena **N+2**	Sena **N+3**	Daħħal snin daqskemm ikun meħtieġ sabiex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)		
Artikolu ………….								

Għad-dħul mixxellanju "assenjat", speċifika l-linja/i tan-nefqa tal-baġit milquta.

Speċifika l-metodu għall-kalkolu tal-impatt fuq id-dħul.

[56] Fir-rigward ta' riżorsi proprji tradizzjonali (dazji doganali, imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti gross wara tnaqqis ta' 25% għall-ispejjeż tal-ġbir.